MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 23/2005/1

**Dottor Frederick Zammit Maempel, Suzette mart l-istess**
**Dottor Frederick Zammit Maempel,**
**Julian Zammit Maempel u Martina Zammit Maempel**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizja u l-Avukat Generali u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2005 giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza l-Ghaqda tan-Nar Sant' Elena**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell interpost mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, mill-intervenuti fil-kawza, l-Ghaqda tan-Nar Sant' Elena, u minn terzi, Karmenu Spiteri fil-kwalita` tieghu ta' President u Joseph Theuma bhala segretarju ghan-nom u in-rapprezentanza tas-socjeta` Piroteknika Maltija, minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Marzu 2009 li biha dik il-Qorti cahdet ir-risposti tal-intimati u tal-intervenuti fil-kawza biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak minnha deciz, fil-waqt li cahdet l-ewwel u l-hames talba tar-rikorrenti u laqghet it-tieni, it-tielet, ir-raba' u sitt talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez a karigu tal-intimati b'dan li l-intervenuti kellhom isofru l-ispejjez taghhom.

Ir-rikorrenti, appellati odjerni, kienu ipprezentaw rikors fejn ippremettew li:
"Illi r-residenza tar-rikorrenti – "Tal-Andar", Triq Vincenz Galea, San Gwann, li ilha residenza tieghu u tal-awturi tieghu sa mill-ewwel gwerra dinjija – tinsab f'*area* li fiha hemm gemgha ta' djar li fihom ma jabitawx, jew li ma jistghux jigu abitati, minn iktar minn mitt persuna;

"Illi ta' kull sena fl-okkazjoni tal-festi ta' Sant' Elena u ta' Sant' Antnin, isir hruq ta' xoghlijiet tan-nar minn ghelieqi qrib hafna tal-imsemmija residenza tar-rikorrenti;

"Illi minhabba li dawn l-ghelieqi jinsabu tant vicin tar-residenza tar-rikorrenti, kull darba li jsir l-imsemmi hruq ta' xoghlijiet tan-nar ir-rikorrenti jsofru riskju serjissimu ghall-hajja, ghas-sahha fizika u ghas-sigurta` personali taghhom, u dan kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza.

"Illi *inoltre*, minhabba d-*debris* li jaqa' kull darba li jsir l-imsemmi hruq ta' xoghlijiet tan-nar, ir-rikorrenti qeghdin isofru danni u inkonvenjenzi konsiderevoli fl-imsemmija residenza taghhom, u dan kif ukoll sejjer jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza;

“Illi r-rikorrenti ilhom ghal diversi snin iressqu lmenti ma’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija dwar din il-kwistjoni u jitolbu l-intervent u protezzjoni tieghu sabiex ma jibqghux isofru l-imsemmija riskji u danni, izda s-sitwazzjoni baqghet ma gietx rimedjata kif jixraq;

“Illi *inoltre* r-rikorrenti ressqu l-ilmenti taghhom f’dan ir-rigward ma’ l-Ombudsman (Kaz Numru 3333) li, fl-ewwel rapport tieghu datat 10 ta’ Dicembru 1999 (Dok. “A”), irrakkomanda li fil-process tal-konsiderazzjoni ta’ applikazzjonijiet ghall-hruq ta’ xoghlijiet tan-nar minn postijiet fejn ir-residenti ta’ dik iz-zona jkunu ressqu l-oggezzjonijiet taghhom kontra l-istess hruq, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jitlob il-parir tal-grupp ta’ esperti li ghalih jirreferi r-**Regolament 16 tar-Regolamenti dwar Kontroll ta’ xoghlijiet tan-Nar u Esplozivi Ohra (Avviz Legali 243 tal-1998)** sabiex jigi determinat jekk il-post propost ghandux jigi dikjarat post ristrett *ai termini* tar-**Regolament 15 tal-istess Regolamenti;**

“Illi sussegwentement, ir-rikorrenti ressqu lment iehor ma’ l-Ombudsman peress illi *nonostante* l-parir tal-imsemmi grupp ta’ esperti sabiex l-ghelieqi in kwistjoni jigu dikjarati postijiet ristretti, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija hareg permessi ghall-hruq ta’ xoghlijiet tan-nar minn dawn l-ghelieqi ghall-festi ta’ Sant’ Antnin u ta’ Sant’ Elena; permezz tat-tieni rapport tieghu datat 22 ta’ Frar 2001 (Dok. “B”), l-Ombudsman sab illi l-ilment tar-rikorrenti kien gustifikat u illi “*this is an instance of maladministration which cannot but attract criticism*”;

“Illi *nonostante* l-imsemmija rapport tal-Ombudsman u parir tal-grupp ta’ espert, u *nonostante* ilmenti u rapporti ulterjuri mressqa mir-rikorrenti lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija, is-sitwazzjoni baqghet li kienet u ta’ kull sena baqghu u ghadhom jinharqu xoghlijiet tan-nar mill-ghelieqi in kwistjoni u r-rikorrenti baqghu u ghadhom isofru r-riskji, id-danni u l-inkonvenjenti fuq imsemmija;

“Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux biss m’huwiex qieghed jaghti lir-rikorrenti l-protezzjoni li huma

ripetutament talbuh jaghtihom, izda sahansitra naqas milli jirrispondi t-talba taghhom ghall-informazzjoni dwar (1) l-isem u l-indirizz tal-persuna/i li lilu/hom inhargu l-licenzji relativi ghall-hruq tax-xoghlijiet tan-nar in kwistjoni, (2) il-kriterji u l-procedura adoperati mill-istess intimat sabiex jinhargu dawn il-licenzji, u (3) r-ragunijiet ghaliex ir-rikorrenti u r-residenti taz-zona ta' madwar l-ghelieqi in kwistjoni ma nghataw ebda opportunita` illi jippartecipaw u jressqu s-sottomissjonijiet taghhom fil-process ghall-hrug tal-istess licenzji (Dok. "C");

"Illi *inoltre*, il-ligi ma tipprotegix kif jixraq l-interessi legittimi tar-rikorrenti, billi ghalkemm tistabbilixxi d-distanzi mill-abitat li ghandhom jigu osservati ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar, tiddefinixxi l-abitat bhala *"kull area li fiha jkun hemm gemgha ta' djar abitati, jew li jistghu jigu abitati, minn iktar minn mitt persuna" (*ara r-**Regolament 2 ta' l fuq imsemmija Regolamenti dwar Kontroll ta' Xoghlijiet tan-Nar u Esplozivi Ohra** u l-**paragrafu D tat-Tieni Skeda li tinsab mal-imsemmija Regolamenti**; fl-istess sens id-definizzjoni ta' "post abitat" fl-**artikolu 2 tal-Ordinanza dawr l-Esplozivi [Kap 33]**) b'mod, ghalhekk, illi ma tkoprix ir-residenza tar-rikorrenti;

"Illi l-ligi hija wkoll difettuza fir-rigward tal-procedura ghall-hrug ta' licenzji ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar, billi mkien ma tipprovdi la ghall-pubblikazzjoni ta' applikazzjonijiet ghall-hrug ta' tali licenzji, la ghall-partecipazzjoni tar-residenti tal-inhawi koncernati fil-process ghall-hrug tal-istess licenzji u lanqas biss ghall-pubblikazzjoni tad-decizjonijiet dwar l-istess applikazzjonijiet, biex b'hekk ir-residenti koncernati ma ghandhom ebda opportunita` sabiex jaghmlu sottomissjonijiet fil-process ghall-hrug tal-istess licenzi jew sabiex jimpunjaw il-hrug tal-licenzji;

"Illi ghar-ragunijiet fuq spjegati u ghal dawk li jingiebu fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors odjern, l-agir fuq imsemmi tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, u cioe`, (a) il-fatt li ta' kull sena fl-okkazjoni tal-festi ta' Sant' Elena u ta' Sant' Antnin johrog licenzji ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar jew jippermetti l-istess hruq mill-ghelieqi in kwistjoni, (b) il-fatt li jaghmel dan minghajr ma jinforma lir-residenti

koncernati, fosthom ir-rikorrenti, bl-applikazzjonijiet relativi, minghajr ma jaghtihom opportunita` sabiex iressqu sottomissjonijiet fir-rigward, u minghajr ma jinformahom dwar il-hrug tal-istess licenzji sabiex ikunu f'pozizzjoni li jekk iridu jimpunjawhom, kif ukoll (c) in-nuqqas tal-istess intimat milli jiddikjara l-ghelieqi in kwistjoni postijiet ristretti *ai termini* tal-ligi *nonostante* l-parir fuq imsemmi tal-grupp ta' esperti, jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u ghar-rispett ta' darhom, dritt sancit bl-**Artikolu 8 tal-konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali**;

"Illi 'l fuq imsemmija nuqqasijiet u insufficjenzi fil-ligi li tirregola l-hruq ta' xoghlijiet tan-nar ukoll jilledu l-istess dritt fondamentali tar-rikorrenti sancit bl-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u dan billi (1) ir-restrizzjoni ta' "post abitat" u "abitat" (fl-imsemmija Ordinanza u Regolamenti rispettivament) ghal post/*area* gabra ta' djar abitati jew abitabbli jew minn izjed minn mitt persuna qeghdin jipprivaw ir-residenza tar-rikorrenti mill-mizuri protettivi kontemplati fl-istess ligi kwantu ghad-distanzi li ghandhom jinzammu, u (2) il-ligi in kwistjoni ma tipprovdix salvagwardji procedurali idoneji sabiex jigi assigurat ir-rispett tal-interessi tar-rikorrenti protetti bl-istess **Artikolu 8**;

"Illi *inoltre*, 'il fuq imsemmija definizzjoni restrittiva ta' "post abitat" u "abitat" tilledi l-**Artikolu 14** mehud flimkien ma' l-imsemmi **Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u dan billi ebda gustifikazzjoni oggettiva jew ragjonevoli ma tista' tingieb biex tispjega kif persuna li toqghod f'zona flimkien ma 100 persuna ohra ghandha tinghata izjed protezzjoni minn persuna ohra fl-istess sitwazzjoni izda li toqghod f' zona flimkien ma' 99! U x'jigri lill-ewwel persuna jekk wiehed mill-girien imur joqghod x'imkien iehor u ma jigi hadd minfloku? Ma tibqax timmerita protezzjoni?

"Illi fir-rigward tas-suespost, ghandu jigi rilevat illi l-Istat mhux biss huwa obbligat li ma jwettaqx atti li jilledu fondamentali tar-rikorrenti izda huwa marbut bl-

obbligazzjoni pozittivi li jiehu l-mizuri kollha adegwati u idoneji sabiex jassiguraw li tali drittijiet jigu effettivament imwettqa."

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-
"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, (a) inkwantu ta' kull sena fl-okkazjoni tal-festa ta' Sant' Elena u ta' Sant' Antnin johrog licenzji ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar jew jippermetti l-istess hruq mill-ghelieqi fil-vicinanza tar-residenza tar-rikorrenti, (b) inkwantu jaghmel dan minghajr ma jinforma lir-residenti koncernati, fosthom ir-rikorrenti, bl-applikazzjonijiet relativi, minghajr ma jaghti lill-istess residenti opportunita` sabiex iressqu sottomissjonijiet fir-rigward, u minghajr ma jinforma lill-istess residenti dwar il-hrug tal-istess licenzji sabiex ikunu f'pozizzjoni li jekk iridu jimpunjawhom, kif ukoll (c) in kwantu l-istess intimat naqas milli jiddikjara l-ghelieqi in kwistjoni postijiet ristretti *ai termini* tal-ligi *nonostante* l-parir moghti lilu mill-grupp ta' esperti fuq imsemmi, kiser u qieghed jikser id-dritt fondamentli tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u ghar-rispett ta' darhom, dritt sancit bl-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentli**;

"2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-definizzjoni ta' "post abitat" fl-**Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Esplozivi** (**Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta**) bhala *"kull post fejn hemm gabra ta' djar li fihom jghammru jew jistghu jghammru, izjed minn mitt ruh"* u d-definizzjoni ta' *"abitat"* fir-**Regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xoghlijiet tan-Nar u Esplozivi Ohra (Avviz Legali 243 tal-1998)** bhala "kull *area* li fiha jkun hemm gemgha ta' djar abitati, jew li jistghu jigu abitati, minn iktar minn mitt persuna", inkwantu japplikaw ghall-pragrafu D tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-imsemmija Regolamenti, jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u ghar-rispett ta' darhom, sancit bl-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u jiksru wkoll id-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni

minn diskriminazzjoni, sancit bl-**Artikolu 14** tal-istess Konvenzjoni, mehud flimkien ma' l-imsemmi **Artikolu 8** tal-istess Konvenzjoni;

"3. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi d-definizzjoni ta' "post abitat" fl-**Artikolu 2** tal-imsemmija Ordinanza dwar l-Esplozivi u d-definizzjoni ta' "abitat" fir-Regolament 2 tal-imsemmija Regolamenti dwar Kontroll ta' Xoghlijiet tan-Nar u Esplozivi Ohra, huma nulli u bla effett in kwantu japplikaw ghall-paragrafu D tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-istess Regolamenti, u dan ghax lezivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

"4. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza u tar-Regolamenti fuq imsemmija li jirrigwardaw il-htiega ta' licenzja ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar, partikolarment l-**Artikolu 24 tal-Ordinanza u rregolamenti 12 u 14 tar-Regolamenti,** jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom u tal-familja taghhom u ghar-rispett ta' darhom, sancit bl-**Artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropea, inkwantu ma jipprovdux salvagwardji procedurali idoneji sabiex jigi assigurat ir-rispett tal-interessi tar-rikorrenti protetti bl-istess **Artikolu 8**.

"5. Taghti lir-rikorrenti kumpens xieraq *ossia just satisfaction* ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali minnhom sofferti; u

"6. Taghti lir-rikorrenti kull rimedju iehor li jidhrilhom xieraq u opportun.

"Bl-ispejjez."

L-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija wiegbu fis-17 ta' Mejju 2005 a fol. 18 fejn esponew illi:-
"1. Preliminarjament in kwantu r-rikorrenti jilmentaw dwar l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija din il-Qorti ghandha tastjeni milli tkompli tisma' dan ir-rikors, *ai termini* tal-**Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni**, u l-*proviso* wara **Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319**, u dan minhabba li hemm rimedji ohra li r-rikorrenti setghu uzaw qabel

ghaddew biex jutilizzaw ir-rimedju kostituzzjonali. Dawn ir-rimedji setghu ntuzaw kull darba li nharget licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija li huma kienu qed joggezzjonaw ghaliha. Lanqas ma ghandha din il-procedura tintuza minflok il-procedura ordinarja li setghet intuzat izda li baqghet fil-fatt mhux utilizzata.

“2. Preliminarjament minhabba r-raguni moghtija fl-ewwel paragrafu, din il-procedura hija intempestiva u din il-Qorti ghandha tiddikjaraha bhala tali u tastejni milli tismaghha.

“3. Preliminarjament, minhabba r-raguni moghtija flewwel paragrafu din il-procedura hija frivola u vessatorja u din il-Qorti ghandha tiddikjaraha bhala tali u ghalhekk tastjeni milli tismaghha;

“4. Illi fil-mertu dan il-kaz ma jinkwadrax fl-ambitu tal-**Artikolu 8** tal-Konvenzjoni, *stante* li t-tifsira tal-artikolu nnifsu u l-interpretazzjoni moghtija lilu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tittratta dwar il-protezzjoni minn indhil fil-hajja privata, jew fuq il-persuna, jew indhil fil-propjreta` izda mhux dwar l-effetti li l-hajja socjali ta’ poplu jista’ jkollha fuq individwi partikolari, f’dan is-sens l-esponenti jissottomettu li l-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrenti li l-**Artikolu 8** qed tirridikola dan l-istess artikolu u hija assurda.

“5. Illi ladarba l-**Artikolu 8** ma japplikax ghall-kaz in kwsitjoni, allura taqa’ ukoll il-lanjanza a bazi tal-**Artikolu 14** tal-Konvenzjoni, *stante* li dan l-artikolu jissussisti fit-tgawdija ta’ dritt iehor, u hawn m’hawn l-ebda dritt iehor li qed ikun miksur. Fi kwalunkwe kaz, mill-fatt li r-residenza tar-rikorrenti ma taqax fid-definizzjoni moghtija mil-ligi, dan minnu nnifsu ma jwassal ghall-ebda ksur tad-dritt ghall-harsien mid-diskriminazzjoni.

“6. Illi r-rikorrenti jallegaw li d-definizzjoni ta’ “post abitat” fil-ligi in kwistjoni, tikser id-dritt taghhom kif protett bl-**Artikolu 8**. L-esponenti jissottomettu li din il-ligi ma tinkwadrax fl-ambitu tal-**Artikolu 8**, kif gia` inghad. Barra minn hekk, l-obbligu tal-istat meta jillegisla f’dawn it-tip ta’

materji huwa li jsib bilanc kemm jista' jkun gust bejn il-hajja tas-socjeta` u l-bzonnijiet taghha, u l-hajja u l-bzonnijiet tal-individwi cittadini. **Cossey v. UK 1990 ECHR**, fejn il-Qorti qalet li: "(The State) *"must have regardto the fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole Convention."* Il-ligi in kwistjoni u cioe` l-**Kap 33** u r-Regolamenti maghmula tahtu jfittxu li jsibu dan il-bilanc xieraq bejn li jhallu s-socjeta` in generali tghix il-kultura taghha, u l-interessi tan-nies privati. Kien mehtieg li l-legislatur jaghmel linja ta' demarkazzjoni biex anke jasal ghal dan il-bilanc, u ghazel definizzjoni ta' 'abitat' li tkopri postijiet fejn hemm djar bizzejjed li fihom jistghu joqoghdu mitt ruh jew aktar.

"7. Illi dan l-obbligu tal-istat li jfittex il-bilanc jghodd anke ghal dawk id-dmirijiet attivi tal-istat, fejn hu mitlub li jagixxi b'mod u mhux b'iehor. **Sheffield & Horsham v. U 1998**. Ghalhekk meta l-Kummissarju jigi biex jiddeciedi tinharigx licenzja bhal dik in kwistjoni, irid jizen l-interessi kollha in kwistjoni u fid-dawl u bil-gwida tal-ligi jasal ghad-decizjoni tieghu. Meta tittiehed decizjoni li ssib bilanc bejn l-interessi tas-socjeta` u tal-individwi, dan ma jkunx ifisser li z-zewg nahat ikunu sodisfatti mija fil-mija. Hafna drabi dan iffisser li kulhadd irid icedi bicca biex inkunu nistghu nghixu flimkien.

"8. Illi l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni** huwa dritt ghar-'rispett' lejn il-hajja privata. Dan ifisser li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn l-awtorita` pubblika tagixxi b'mod li taffettwa dawn l-interessi tal-individwi izda li dan l-agir ma jkunx jikkostitwixxi ksur ta' dan id-dritt fundamentali (ibid).

"9. Illi r-rikorrenti jilmentaw li ghax ir-residenza taghhom ma taqax fl-ambitu tad-definizzjoni moghtija mil-ligi (ara definizzjoni moghtija fl-**Artikolu 2 tal-Kap. 33** ta' "post abitat" kif ukoll id-distanza ta' 200 metru rikjest fil-paragrafu (c) ta' Taqsima D tat-Tieni Skeda mal-Avviz Legali 243 tal-1998), allura l-istat mhux qed jaghtihom il-protezzjoni mehtiega lilhom. Dan l-argument ma jregix minhabba li l-istat ghandu l-obbligu li jhares l-interessi ta'

kulhadd u kif gia` inghad, dan jaghmlu billi jfittex il-bilanc xieraq. Tant hu hekk illi fil-kaz ta' hruq tan-nar tal-ajru, il-Pulizija f'certi kazi, taghlaq ukoll toroq sekondarji madwar is-sit kif ukoll xi drabi, anke Triq Dun Karm u cioe` il-Bypass ta' Birkirkara. Billi r-residenza tar-rikorrenti ma taqax fid-definizzjoni moghtija mil-ligi dan ma jfissirx li b'daqshekk mhix tinghata l-protezzjoni mehtiega. Is-sit minn fejn inharaq in-nar hija madwar 150 metru 'l boghod mir-residenza tar-rikorrenti u ghalhekk, hemm certa distanza li thares lir-rikorrenti mill-periklu. Prova dwar dan in-nuqqas ta' periklu hija li l-hruq tan-nar fis-Sajf tal-2004 kien kopert tajjeb b'assikurazzjoni f'somom gholja minkejja li n-nar inharaq minn sit li r-rikorrenti qed jallegaw li fih hemm periklu kbir u imminenti.

“10. Illi kuntrarjament ghal dak li nghad mir-rikorrenti fir-rikors taghhom, il-Kumitat Dwar l-Esplozivi huwa kumitat konsultattiv biex jaghti l-parir tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalkemm mhux marbut li jaghmel dan, f'dan il-kaz, kif normalment jigri, il-Kummissrju mexa fuq il-parir li nghata mill-Kumitat. Dan jghodd ukoll ghall-parir li nghata mill-Grupp t'Esperti fi Hdan il-Kumitat dwar l-Esplozivi. Huwa l-Grupp t'Esperti li jirrakkomanda jekk post hux ristrett jew le u l-Kummissarju jimxi fuq din ir-rakkomandazzjoni.

“11. Illi kuntrarjament ghal dak li nghad mir-rikorrenti, il-Kumitat dwar l-Esplozivi mhux obbligat li jisma' lil min qed jaghmel l-ilment, izda kif jistghu jikkonfermaw ir-rikorrenti wkoll, f'okkazjonijiet differenti, ir-rikorrenti gieli kienu prezenti ghal diskussjonijiet, ghal accessi fuq il-post u gieli ressqu s-sottmissjonijiet taghhom quddiem l-istess Kumitat. Ghalhekk ma jistghux jilmentaw li qatt ma nghataw smigh mill-Kumitat.

“12. Illi l-Ligi ma tobbligax lill-Kummissarju tal-Pulizija li jikkonsulta man-nies li joqoghdu qrib tas-sit in kwistjoni, jew li jismaghhom qabel jiddeciedi johrogx il-licenzji jew le. Izda fil-fatt il-Kummissarju xorta wahda sema' l-ilmenti fil-kaz in kwistjoni u din kienet ir-raguni ghaliex hatar il-Kumitat dwar l-Esplozivi u l-Grupp t'Esperti, biex jaghtuh parir minhabba l-ilmenti mressqa. Ghalhekk ma jistax

jinghad mir-rikorrenti li l-Kummissarju qatt ma sema' l-ilmenti taghhom.

"13. Illi l-Kummissarju jikkunsidra kull applikazzjoni individwalment u ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jinghad fil-paragrafu 12 tar-rikors promutur, il-Kummissarju janalizza kull applikazzjoni li tidhol ghal hrug ta' licenzja u jiddeciedi dwarha. Mhux minnu li l-esponent Kummissarju jaqbad rotta u mbaghad jiddeciedi dejjem l-istess minghajr ma jikkonsidra xejn iktar.

"14. Illi rigward l-informazzjoni li ntalbet mir-rikorrenti izda li allegatament baqghet ma nghatatx mill-Kummissarju tal-Pulizija jinghad li fil-fatt inghatat l-informazzjoni dwar lil min inharget il-licenzja. Rigward it-talba ghall-kriterji li ntuzaw biex inharget din il-licenzja jinghad li dwar dan ma kienx hemm bzonn l-ebda spjega ghaliex il-kriterji johorgu mil-ligi nnifisha. Jinghad ukoll li ntbaghtet kopja tal-licenzji mahruga ghall-hruq tan-nar, bil-kundizzjonijiet kollha ta' maghha lir-rikorrenti.

"15. Illi rigward ir-rakkomandazzjonijiet moghtija mill-Ombudsman jinghad li r-rapport tieghu datat 10 ta' Dicembru 1999 kien favorevoli ghall-Kummissarju u l-istess Kummissarju mexa ma' dak rakkomandat mill-Ombudsman fl-istess rapport u hatar Grupp t'Esperti. Fil-fatt l-Esperti ltaqghu u taw ir-rapport taghhom datat 22 ta' Mejju 2000. Rigward ir-rapport l-iehor tal-Ombudsman datat 22 ta' Frar 2001, l-esponent Kummissarju jinsisti li fl-ebda hin hu ma agixxa kuntrarjament ghal dak li rrakkomanda l-Grupp t'Esperti. Fil-fatt il-licenzja rigward il-hruq tan-nar ghas-Sajf tal-2000 inharget fuq siti differenti minn dawk li kien hemm applikazzjoni dwarhom. Is-sit dikjarat mill-Grupp t'Esperti bhala sit li fuqu harget licenzja u li minnu sar hruq tan-nar normali f'Tar-Raddiena fis-Sajf tal-2000 kienu fil-fatt differenti. Dan tant hu minnu li l-Kumitat dwar l-Esplozivi ma sab l-ebda oggezzjoni li fis-Sajf tas-sena 2004 isir hruq tan-nar mill-istess akwati tas-sit minn fejn sar il-hruq fis-sena 2000, u cioe` mis-sit mibdul. Fi kwalunkwe stadju l-esponent Kummissarju mexa dejjem skond il-provedimenti tal-**Kap. 33** u tar-Regolamenti tahtu.

“16. Illi □tajjeb li dan il-kaz jitpogga fil-perspettiva korretta tieghu:

- L-ilment tar-rikorrenti jittratta dwar gimaghtejn fis-sena, gimgha ghall-festa ta’ Sant’ Antnin u ohra ghall-festa ta’ Sant’ Elena.

- F’kull festa, jinharaq nar tal-ajru f’xi jiem matul il-gimgha, u mhux kuljum, u l-iktar li jinharaq nar huwa s-Sibt lejlet il-festa rispettiva.

- In-nar mis-sit kif appruvati fis-Sajf tal-2004 inharaq f’distanza ta’ madwar 150 metru ’l boghod mir-residenza tar-rikorrenti u l-effett ivarja skond ’il fejn ikun jonfoh ir-rih fil-hin tal-hruq tan-nar. Jekk ir-rih ikun qed jonfoh fid-direzzjoni tar-residenza tar-rikorrenti, allura hemm cans li jaqa’ fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti frak u bicciet tal-kartun mill-murtali. Izda certament li ma jkun hemm l-ebda periklu imminenti kif jippruvaw jallegaw ir-rikorrenti. Li kieku dan ikun il-kaz, allura l-Pulizija certament tiehu l-passi mehtiega.

- Illi n-nar tal-ajru ilu jinharaq mill-istess post ghall-istess zewg festi zgur sa mill-1998. Kienu r-rikorrenti li marru joqoghdu f’dik id-dar wara s-sit bdiet tintuza ghall-hruq tan-nar.

- Illi l-Kmamar tan-Nar rispettivi ikkoperaw hafna mar-residenti tat-tlett idjar fil-vicinanzi tar-rikorrenti. Offrew li jghattu l-proprjetajiet fosthom dik tar-rikorrenti waqt il-hruq tan-nar kif ukoll li jibaghtu persuna li tosserva xi jkun qed jigri fil-vicinanzi tal-proprjeta` tar-rikorrent waqt il-hruq tan-nar inniffsu. Jidher li dawn sabu koperazzjoni mir-residenti tal-proprjeta` l-ohra izda mhux mir-rikorrenti.

- Fl-akkwati tar-residenza tar-rikorrenti hemm tlett idjar imbeghdin minn xulxin, it-tlieta abitati, u tan-nofs hija r-residenza tar-rikorrenti.

"17. Illi fi kwalunkwe kaz m'hemm l-ebda ksur, la tal-**Artikolu 8** u **14** tal-Konvenzjoni u lanqas ta' xi dritt ta' bniedem iehor fil-konfront tar-rikorrenti rizultanti minn xi ligi jew minn xi agir tal-intimati.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom."

B'verbal tat-12 ta' Ottubru 2005 l-intervenuti fil-kawza ddikjaraw li qed jaderixxu mar-risposta tal-intimati l-ohra (ara fol. 29).

**Decizjoni tal-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti bis-sentenza taghha aktar 'l fuq imsemmija cahdet l-ewwel u l-hames talba tar-rikorrenti u laqghet it-talbiet l-ohrajn u ddikjarat li d-definizzjoni ta' "post abitat" fl-Artikolu 2 tal-Kap. 33 u d-definizzjoni ta' "abitat" fir-Regolament 2 Avviz Legali 243/1998 jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata kif sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll jiksru d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni, sancit bl-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni; konsegwentement iddikjarat l-istess artikoli bhala nulli u bla effett; iddikjarat ukoll li l-istess dispozizzjonijiet fejn jirrigwardaw il-htiega ta' licenzja ghall-hruq ta' xoghlijiet tan-nar, partikolarment l-Artikolu 24 tal-Kap. 33 u l-Artikoli 12 u 14 tal-A.L. 243/1998, jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom in kwantu ma jipprovdux salvagwardji procedurali idoneji sabiex jigi assigurat ir-rispett tal-interessi tar-rikorrenti protetti bl-istess Artikolu 8. Finalment iddikjarat li bid-decizjoni moghtija fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti qed jinghataw rimedju xieraq u opportun.

Il-Prim Awla hekk immotivat is-sentenza taghha:

"Illi din hija kawza illi tirrigwarda ksur tal-**artikolu 8** u **l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet**

**Fondamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** illi jistipulaw is-segwenti:

"**Artikolu 8:**

"*"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu".*

*"(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."*

"**Artikolu 14:**

"*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor."*

"Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti jsostnu u jippremettu illi qed isofru dannu, riskju u inkonvenjent serju fl-okkazzjoniijiet ta' zewg festi – dik ta' Sant' Elena u dik Sant' Antnin – meta jinharaq xoghol tan-nar minn ghelieqi vicin ir-residenza taghhom fl-inhawi maghrufa "Tar-Raddiena" f'Birkirkara. Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-rikorrenti jirrisjedu fi proprjeta` f'Tal-Andar, fi Triq Vincenz Galea f'San Gwann u nar jinharaq f'ghelieqi vicin taghhom maghrufa bhala Tar-Raddiena. Jirrizulta illi f'diversi okkazzjonijiet il-proprjeta` tar-rikorrenti garrbet danni konsistenti fi hsara fil-*membrane*, fl-area tas-*swimming pool* kif ukoll fis-*swimming pool* innifsha u dan b'rizultat tal-fdal tax-xoghol tan-nar illi jaqa' fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti (xhieda tal-Perit Godwin Abela a fol. 31 *et sequitur* ; xhieda tal-Perit Patrick Calleja a fol 38 *et seq.;* u Dok. "JB1" a fol. 86); dan jinkudi wkoll materjal li ma

jkunx inharaq u li dan in-materjal huwa jew almenu jista' jkun ta' riskju ghall-proprjeta' taghhom u tal-hajja taghhom (Dok. "B" – rapport tal-Ombudsman – datat 10 ta Dicembru 1999). Jirrizulta illi dan il-loghob tan-nar ilu jsir fil-post in kwistjoni, u cioe` fil-vicinanzi tar-residenza tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti kienu jafu b'dan sa mid-data tal-akkwist. Jirrizulta wkoll illi fil-granet tal-festa u b'mod partikolari meta jkun qieghed jinharaq in-nar, ikun hemm livell gholi ta' storbju fir-residenza tar-rikorrenti (Dok. "PB1" a fol. 52). Jirrizulta in oltre illi tali storbju johloq hsara fis-smiegh tar-rikorrenti, li pero`, liema hsara ma hijiex wahda merament temporanja (Dok. "LA" a fol. 89 u ara fol. 115 *et seq.*). Ma' dan irid jinghad li l-istess livell ta' hsejjes u storbju li l-istess hruq tan-nar jiggenera gie ikkunsidrat mill-Kummissjoni Ambjent Arcidjocesi ta' Malta fir-rapport taghha datat l-1 ta' Ottubru 2008 bhala li jikkawza hsara fil-widnejn u dan meta l-livell tal-istess ikun 120 dBA (ukoll bhal fil-kaz odjern) u sahanistra inghad li *"livelli ta' hsejjes ferm inqas minn 120 u anke 95 dBA mhux biss huma inkonvenjent ghan-nies (specjalment ghall morda) u ferm aktar ghall-annimali, imma jistghu jikkawzaw effetti fuq is-sistema nervuza u effetti psikologici li mhux dejjem nifmuhom"* (fol. 271) – f'dan is-sens inghad li ghandu jkun hemm kontroll fuq id-daqs fiziku tal-murtali u bombi u fuq il-livell ta' hsejjes permessi ghal-loghob tan-nar u dan anke minhabba l-fatt li diversi hsejjes f'daqqa jistghu jikkawzaw difett fis-smigh u dan anke mehud in konsiderazzjoni li certu setturi tal-popolazzjoni jintlaqtu iktar minn ohrajn – bhal minn jispara, u wkoll ghad-dilettanti li jkunu vicin u qed jisma' l-istess; - ma dan din il-Qorti thoss li ma jistawx ma jigux inkluzi r-residenzi li huma vicin fejn jinghata l-istess nar. Dan apparti li l-istess rapport isemmi jirreferi ghad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea (Pyrotechinics Directive – 30 ta' Novembru 2006) li ghandha tidhol fis-sehh fis-snin li gejjin li tirregola l-bejgh u l-uzu tal-loghob tan-nar u li jaffetwa uhid minnhom elenkati f'kategorija D u li huma indikati mill-istess rapport bhala *"l-aktar perikluzi".* Fil-fatt jidher li fil-frattemp saru emendi ghar-Regolamenti ezistenti fl-**A.L. 243 ta' 1998** dan permezz tal-**A.L. ta' 2008** anke b'riferenza ghal sustanzi projibiti skond l-artikolu 8 tal-istess regolamenti principali.

“Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti tirrigwarda allegat nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija, liema nuqqas, skond ir-rikorrenti jammonta ghall-ksur tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni**. Skond ir-rikorrenti, il-Kummissarju tal-Pulizija, fil-mansjonijiet tieghu, qieghed jilledi d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tar-rikorrenti sancit bl-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni.** Fil-fatt l-ewwel talba rikorrenti tirrigwarda proprju l-allegat nuqqasijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li “… ta’ kull sena fl-okkazjoni tal-festi ta’ Sant’ Elena u ta’ Sant’ Antnin johrog licenzji ghall-hruq ta’ xogholijiet tan-nar jew jippermetti l-istess hruq mill-gheliqi fil-vicinanzi tar-residenza tar-rikorrenti; (b) in kwantu jaghmel dan minghajr ma jinforma lir-residenti koncernati fosthom ir-rikorrenti bl-applikazzjonijiet relattivi minghajr ma jaghti lill-istess residenti opportunita` sabiex iressqu sottomissjonijet fir-rigward u minghajr ma jinforma lill-istess residenti dwar il-hrug tal-istess licenzi sabiex ikunu f’posizzjoni li jekk iridu jimpunjawhom, kif ukoll (c) in kwantu l-istess intimat naqas milli jiddikjara l-ghelieqi in kwistjoni postijiet ristretti *ai termini* tal-ligi nonostante l-parir moghti lilu mill-grupp ta’ esperti fuq imsemmi.”

“Illi mill-provi prodottti jirrizulta b’rapport tal-Ombudsman mahrug fil-10 ta’ Dicembru 1999 li meta saru l-ewwel ilmenti minn residenti fi Triq Vincenz Galea, B’kara kien gie konstatat li ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kien hareg il-permessi skond il-**Kap 33 u** Regolamenti (A.L. 43/1998) *vigenti,* u d-distanzi minn dik li hija kkonsidrata bhala *area abitata* gew rispettati, dan biss ma jezonerax l-obbligu tal-Awtoritajiet sabiex jaraw li ma jkun hemm ebda periklu bl-istess attivita` lill persuni li jirresjedu fil-vicin tal-post fejn jinghata nar. Ghalhekk gie suggeriet li jigu esplorati siti alternativi fejn dan il-hruq ta’ loghob tan-nar jista’ jsir minghajr periklu ghar-residenti ta’ dawk l-inhawi u in parikolari dan ghall kaz ta’ tlett familji li joqghodu fi Triq Vincenz Galea, Birkirkara, u issugerixxa li jsiru iktar kontrolli bhal dak indikat fir-**regolament 17 tal-A.L. 243 tal-1998** fis-sens li jitnehhew kemm jista’ jkun malajr l-murtali li ma’ jkunux splodew u li presumibilment jaqaw fuq jew vicin l-istess residenti. Inghad ukoll li anke jekk tali siti minn fejn jinghata n-nar jaqaw taht il-parametri tad-

distanzi rikjesti bhala *"discharge sites"* skond dak stipulat **f'Parti D tat-Tieni Skeda tar-regolament 14 (b),** meta dan jinstab li huwa detrimentali ghall-terzi persuni, ghanda tigi kkunsidrata li dak is-sit jigi ddikjarat *"restricted site in term of regulation 15"* u sabiex isir dan jirrikjedi li l-Kummissarju tal-Pulizija jfittex il-parir ta' grupp ta' esperti, li meta jistudjaw il-kaz ghandhom jiehu in konsiderazzjoni it-tip ta' nar li jkun ser jinharaq u id-distanzi ta' sigurta` li huma involuti.

"Illi fil-kuntest ta' dan kollu gie ghalhekk suggerit li *"in the processing of applications to discharge fireworks from areas where there are serious objections by residents alleging danger/damage to their life and property, the Commissioner of Police should seek the advice of the group of experts to determine whether the site should be declared a restricted area or not".*

"Illi jirrizulta li saru ilmenti ohra li fis-sena 2000 fl-okkazzjoni tal-festi Sant' Antnin u Santa Liena u jinghad li sar hruq tan-nar minn lokalalitijiet li ma kienux gew approvati mill-grupp ta' esperti nominati skond l-**artikolu 16 tal-A.L. 243 tan-1998** u b'hekk gie allegat li l-ghoti tan-nar mill-istess siti jew kien kontra l-licenzji mahruga jew inkella l-permessi nhargu kontra l-parir moghti mill-grupp ta' esperti.

"Illi fil-fatt fir-rapport tal-Ombudsman datat 22 ta' Frar 2001 (Kaz Numru 3333 - Dok. "C" a fol. 11) inghad li fis-sena 2000 zewgt persuni applikaw biex jaghtu n-nar fis-sit in kwistjoni u gie appuntat Grupp ta' Esperti skond ir-**regomenti 16 tal-A.L 243 tal-1998**, u l-istess Grupp ta' Esperti fit-22 ta' Mejju 2000 rrelata li sit minnhom kellhu jigi kkunsidrat bhala ristrett ghall-ghoti tan-nar indikat fil-**paragarfu (d), sezzjoni (a) tal-A.L. 243 tal-1998** u wkoll li t-tlett siti l-ohra *"did not satisfy the distances required to let off aerial fireworks exceeding five (5) centimeters in diameter".* L-istess rapport ikompli jghid li nharget licenzja ghall festa ta' Sant' Antnin f'Mejju ghall xoghol tan-nar ta' 3 u 6 pulzieri diametru f'sit li kien indikat bhal *restricted area*; u li f'Awissu ghall festa ta' Santa Liena inharget licenzja ghall tlett siti li kienu dikjarati li ma jissodisfawx d-

distanzi necessarji u rikjesti mil-ligi sabiex minn hemm jaghtu loghob tan-nar li jeccedi il-hames (5) centimetri dijamentru b'dan ghalhekk li l-istess rapport ikkonkluda li fl-ewwel kaz it-tip tan-nar indikat fl-istess licenzja ma kienx permess li jinghata skond il-ligi, fil-waqt li fit-tieni kaz l-ebda sit hemm indikat ma kien jissodisfa d-distanzi stipulati fil-ligi ghall dak it-tip ta' loghob tan-nar b'dan ghalhekk li l-istess Ombudsman ikkonkuda li:-

"*"the two licences issued were not in accordance with the Fireworks and other Explosives (Control) Regulations 1998. The group of experts appointed in terms of Regulation 16 has the function to give advice. However the competent authority has little justification to exercise its discretion and refuse the experts' advice on such technical matters. The pressure applied on the authorities from various quarters in such cases is well known, however, this is an instance of maladministration which cannot but attract criticism. In the light of these considerations the complaint that the esperts' advice was disregarded is upheld".*

"Illi ghalhekk jirrizulta li l-Ombudsman f'dan ir-rapport ikkonkluda li inhargu licenzji ghall-hruq ta' xoghol tan-nar min siti illi ma jirrispekkjawx il-parir illi inghata mill-Grupp ta' Esperti. Illi l-intimati laqqghu ghall dan billi sostnew illi l-Kumitat Dwar l-Esplozivi huwa biss kumitat konsultativ li jaghti pariri lill Kummissarju tal-Pulizija, li ghalkemm mhux tenut jaddotta l-istess pariri, huwa xorta wahda mexa fuq l-istess. Dan sehh ukoll fil-kaz ta' pariri moghtija minn Grupp ta' Esperti dwar dawk li ghandhom jigu kkunsidrati bhala postijiet risretti (para 10 tar-risposta tal-intimati – fol. 20). Fil-fatt inghad li l-ewwel rapport tal-Ombudsman jikkonkludi li l-Kummissarju mexa skond il-ligi, mentri dwar it-tieni rapport jinghad li l-licenzji hargu fuq siti differenti kemm minn dak indikat bhala sit ristrett, u kemm minn dawk li ma kienux indikati bhala skond il-ligi mir-rapport tal-grupp ta' esperti datat 20 ta' Mejju 2000 u b'hekk jinghad li l-Awtorita` kompetenti mxiet skond il-**Kap. 33 u r-Regolamenti** relattivi (para 15 tar-risposta tal-intimati).

"Illi f'dan ir-rigward, l-intimati ressqu eccezzjoni preliminari a tenur tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kap. 319** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha tirrifjuta illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha meta tkun sodisfatta illi r-rikorrenti ghandu jew kellu rimedji ohra skond xi ligi ordinarja ohra.

"Illi preliminarjament, l-intimati sostnew illi l-kontestazzjoni dwar il-hrug ta' licenzja, ma kellhomx isiru quddiem din il-Qorti fis-sede taghha kostituzzjonali stante illi kien hemm rimedji ordinarji skond id-disposizzjonijiet tal-**artiklu 469 A tal-Kap 12** li kellhom jigu ezawriti izda li ma gewx utilizzati mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw li l-permess ghall-hruq tan-nar inhareg b'mod irregolari, u cioe' minghajr ma nstemghu partijiet interessati, u minghajr ma kien segwit il-parir tal-grupp t'esperti. Skond l-intimati dawn il-punti setghu jigu mressqa fi proceduri ordinarji *ai termini* tal-**artikolu 469A tal-Kap 12** ladarba tali proceduri setghu jwasslu ghal rimedju adegwat u li ghaldaqstant huma materji li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' u tiddeciedi dwarhom. Ir-rikorrenti, dejjem skond l-intimati, qeghdin jippruvaw jattakkaw ghemil amministrattiv u cioe' hrug ta' licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Tali tabliet skond l-intimati, ma setghux isiru f'din il-procedura izda f'proceduri ohra li l-atturi ma uzawx.

"Illi dwar dan jinghad li fil-kawza **"Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju tal-Artijiet"** (24 ta' Mejju, 2004) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sostniet li:-

"*"Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni*

*tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni".*

"Illi ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Tefarra Teseba Berhe vs Kummissarju tal-Pulizija"** (20 ta' Gunju 2007) il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet illi, *"l-eżistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni ghandha tirriżulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali stat ta' fatt".*

"*"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jii allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat".*

"Illi meta jikkunsidra l-kaz fir-rigward tal-ilmenti dwar il-procedura segwieta sabiex gew mahruga l-licenzji ghall-hruq tan-nar mill-Kummissarju tal-Pulizija u jekk l-istess Kummissarju tal-Pulizija fil-hrug tal-istess segwiex il-ligi din il-Qorti thoss li dawn huma kollha punti u lanjenzi li jaqghu fl-isfera tal-kamp tal-ligi amministrattiva. In kwantu ghemil amministrattiv, il-ligi tipprovdi b'mod specifiku, *ai termini* tal-**artikolu 469A (a) tal-Kap. 12,** li in kwantu l-hrug u l-ezami ta' kif harget licenzja mill-awtoritajiet kompetenti, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija, hija ghemil amministrattiv, din tista' tigi impunjata ghall diversi ragunijiet hemm indikati li jaqghu taht l-principji ta' stharrig amministrattiv, bhal meta fil-hrug tal-istess li ma tigix segwieta l-procedura jew ma jigux osservati l-principji ta' gustizzja naturali nkluz dak ta' *audi alteram partem,* jew li l-istess awtorita` tkun agixxiet *ultra vires* u anke jekk l-

ezercizzju ta' tali poter mill-awtorita` amministrattiva jmur kontra l-Kostituzzjoni.

"Illi dan huwa rimedju ordinarju provdut fil-ligi li din il-Qorti ma thosx li tista' tinjora u li ma jirrizultalhiex illi r-rikorrenti ezawrew l-istess rimedji qabel ma rrikorrew ghal dan ir-rimedju straordinarju (**"Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija"** (Qorti Kostituzzjonali – 2 ta' Novembru, 2001)) b'dan allura li din il-Qorti thoss li in kwantu saru allegazzjonijiet fl-istess rikors li l-Awtoritajiet kompetenti ma' sewgwex il-procedura stabilita mil-ligi ghall-hrug tal-istess licenzji, din il-Qorti ma hijiex ser tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba rikorrenti.

"Illi jekk dan il-punt jittiehed in konsiderazzjoni fil-kuntest tat-tieni talba tar-rikorrenti jirrizulta li din il-Qorti qed tigi mitluba tiddikjara illi d-definizzjoni ta' "post abitat" fl-**artikolu 2 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta** kif ukoll d-definizzjoni ta' "abitat" fir-**regolament 2 tar-Regolamenti dwar Kontroll ta' Xoghlijiet tan-Nar u Esplozivi Ohra (Avviz Legali 243 tal-1998)** in kwantu japplikaw ghall-**paragrafu D tat-Tieni Skeda tal-imsemmija Regolamenti**, jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghar-rispett tal-hajja privata taghhom sancit permezz tal-**artikolu 8 tal-Kap. 319**, kif ukoll l-**artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni** mehud flimkien ma' l-**artikolu 8.**

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li hawn it-talba tar-rikorrenti hija fis-sens li qed jigu attakati d-disposizzjoniiet legali li a bazi taghhom qed jinhargu l-licenzji sabiex issir l-istess hruq ta' nar tal-festa, b'dan li qed jinghad li l-ligi li *ai termini* tal-istess qieghed jinhargu tali licenzji qed iledu d-drittijiet taghhom taht l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja**. Din l-Qorti ma tarax li r-rimedju taht l-**artikolu 469A tal-Kap 12** seta' jew jista' jwassal ir-rikorrenti biex jindirizzaw l-ilmenti konstituzzjonali taghhom u b'hekk jilhqu r-rimedji mixtieqa u ghalhekk wara li rat l-atti kollha processwali u qieset il-qofol tal-kwestjoni imqanqla minn din it-talba tar-rikorrenti, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li fuq dan il-punt u f'din l-istantanza hija ghandha tuża s-setghat kostituzzjonali taghha.

"Illi r-rikorrenti ilmentaw bi ksur tal-**artikoli 14 u 8 tal-Kovenzjoni Ewropeja**. L-ewwelnett l-Qorti tinnota illi l-**artikolu 14** jaghmel projbizzjoni generali minn diskriminazzjoni izda dan limitatament u fil-kuntest tad-drittijiet enuncjati mill-istess Konvenzjoni. Ghalhekk id-diskriminazzjoni trid dejjem tkun marbuta mad-drittijiet sanciti fil-konvenzjoni u allura ma ksur tal-istess drittijiet jew ahjar wiehed minnhom. Mhux essenzjali ghas-success ta' azzjoni bhal din li ikun hemm ksur effettiv tad-dritt sostantiv invokat flimkien mad-diskriminazzjoni. Huwa bizzejjed li l-fatti tal-kaz jaqghu fl-ambitu ta' xi wiehed jew aktar mill-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropeja qalet fil-kaz **"Belgian Linguistic"** illi kieku hemm bzonn ksur effetti dan jimmina l-effettivita` tal-istess **artikolu 14**:-

"*"While it is true that this guarantee has no independent existence in the sense that under the terms of Article 14 (art. 14) it relates solely to "rights and freedoms set forth in the Convention", a measure which in itself is in conformity with the requirements of the Article enshrining the right or freedom in question may however infringe this Article when read in conjunction with Article 14 (art. 14) for the reason that it is of a discriminatory nature".*

"Illi l-Qorti tinnota illi meta l-Qorti ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tiffacca allegazzjoni ta' ksur tad-dritt sostantiv sia wahdu u sia in konnessjoni ma l-**artikolu 14**, l-istess Qorti, in linea generali, l-ewwel tindirizza il-fatt jekk kienx hemm xi vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv tal-Konvenzjoni u jekk hemm vjolazzjoni din di solito ma tiehux konjizzjoni ta' allegazzjoni ta' ksur tal-**artikolu 14**. Izda jekk id-diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-dritt hija fundamentali ghall-kaz in partikolari, s-sitwazzjoni hija differenti u ghalhekk il-Qorti tidhol fil-mertu tal-allegat diskriminazzjoni.

"Illli hemm okkazzjonijiet fejn l-Qorti Ewropea analizzat mill-ewwel il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni bensia marbuta ma' ksur ta' dritt sostantiv, bhal fil-kaz **"Burghartz v Switzerland"** (22 ta' Frar 1994). L-awturi ***Ovey and White*** jikkonkludu illi *'where the applicant complains of a*

*violation of a substantive provision and of Article 14 taken together with that substantive provision and where the Court finds a violation of the substantive provision, the modern approach is to consider a complaint of a violation of Article 14 read together with the substantive provision if there is a clear inequality of treatment in the enjoyment of the right in question which is a fundamental aspect of the case." (**Ovey & White, Jacobs & White, The European Convention on Human Rights"*** (p. 354)*;*

"Illi l-Qorti hija tal-fehma illi jirrizulta min-natura tal-kaz u mill-fatti esposti illi l-lment dwar il-ksur tal-**artikolu 8** tiehu l-precedenza u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghanda tidhol f'dan il-mertu qabel tidhol fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni.

"Illi l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li:-

""*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

"*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.'*

"Illi fuq linja generali dan l-artikolu jipprojbixxi indhil arbitrarju tal-Istat fir-rispett tal-hajja privata tieghu tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu. In oltre skond dan l-artikolu, mhux biss jipprojibixxi l-indhil da parti tal-Istat izda jippresupponi mizuri pozittivi da parti tal-Istat sabiex jipprotegi dawn id-drittijiet. Fil-kaz **"X and Y vs The Netherlands"** (26 ta' Marzu 1985) il-Qorti qalet *'The Court recalls that although the object of Article 8 (art. 8) is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in*

*an effective respect for private or family life (see the Airey judgment of 9 October 1979, Series A no. 32, p. 17, para. 32). These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves.' (Para 23)*

"Illi dawn il-mizuri pozittivi jistghu ikunu jew mizuri li jirregolaw l-agir tal-Istat stess jew inkella mizuri illi jirregolaw l-indhil da parti ta' persuni ohra li jistghu jiksru d-drittijiet taghhom taht l-**artikolu 8.**

"Illi fil-kawza in disamina l-hruq ta' nar hija maghmula fisikament mill-intevenut fil-kawza pero` huwa l-Istat fil-persuna tal-Kummissarju tal-Pulizija illi johrog il-permessi relativi. Il-permessi relativi huma mezz kif l-Istat jista' jikkontrolla l-hruq tan-nar fil-festi jew okkazzjonijiet ohrajn u dawn jistghu jigu ikkonsidrati l-mizuri pozittivi da parti tal-Istat sabiex id-drittijiet ta' persuni ohra jigu protetti fit-tgawdija tar-rispett tad-drittijiet taghhom.

"Illi d-drittijiet illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw dwarhom huma, skond din il-Qorti l-indhil fil-dritt taghhom ghar-rispett tal-hajja privata, familja u dar taghhom. L-awtur ***Cohen-Jonathan*** **("Respect for private and family life' in Macdonald, Matscher and Petzold The European System for the Protection of Human Rights",** p.405) jinnota dwar il-hajja privata illi "*one can consider anything having to do with personal health, philosophical, religious or moral beliefs, family and emotional life, friendships and, subject to reservations, professional and material life as part of private life".*

"Illi l-awturi ***"Clayton and Tomlinson"*** jghidu li r-rispett ghal hajja privata jinkludi, *inter alia,* ir-rispett ghall-integrita` fisika u morali tal-persuna. *In oltre*, a kwantu jirrigwardja l-dar l-**artikolu 8** ma' jiggarantix li persuna ikollha dar izda jkopri r-rekwist tal-Istat illi jipprotegi s-sigurta` fisika tad-dar ta' persuna u l-hwejjeg tal-istess persuna.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ghandha tara jekk fil-fatt hemmx ksur tal-**artikolu 8** u b'hekk trid tidhol fil-mertu tal-allegat konsegwenzi li batew r-rikorrenti.

"Illi l-Perit Godwin Abela, perit *ex parte,* jghid fix-xhieda tieghu illi spezjona l-post diversi drabi tul is-sena u konstata li kull sena wara l-festa ikun hemm hsarat voldieri hruq fuq il-bejt, fuq il-*membrane*, tal-bejt tbajja fuq il-*paving tal-post.* Il-materjal li jahraq jista' ikun ta' periklu ghan-nies fl-inhawi. Dan ix-xhud jghid li z-zonqor jisfar minhabba is-sulphur li fil-materjali li jinharaq. Skond dan ix-xhud l-ispejjez kawzati huma spejjez konsiderevoli.

"Illi il-Perit Patrick Calleja xehed ukoll fil-proceduri, bhala perit imqabbad mis-socjeta` assikuratrici Altas Insurance sabiex jaghmel spezzjoni fuq il-hsarat fil-fond in kwistjoni. Huwa jghid illi ra tbajja kawzati mill-hrug tan-nar fil-qieh il-*pool* tal-rikorrenti li kien mimli bl-ilma kif ukoll tbajja ohra madwar il-pool stess.

"Illi Peter Bonello fir-rapport tieghu *ex parte* jsostni li *"wara li l-esponent ghamel l-accessi li huwa kkonsidra li kienu mehtiega fil-proprjeta' fuq imsemmija fil-hinijiet li waqthom kien qieghed isir hruq tan-nar li sar f'din il-festa, jirrizulta illi: 1. Il-hsejjes emessi huma ta' livell gholi hafna. 2. Materjal jaqbad li kien jigi mtajjar wara kull spluzjoni w li kien jaqa' fuq ir-residenzi tal-madwar u fuq ir-residenza tal-konjugi Zammit Maempel, setgha jikkaguna nirien li jkun difficli hanfa li jintfew minhabba l-access difficli ghall-Fire Engines kagun tat-toroq dojoq tal-inhawi.'*

"Illi Anthony Pisani, *Operations Manager Civil Protection Department,* fix-xhieda tieghu *viva voce* (22 ta' Gunju 2006) ikkjarifika illi huma juzaw fire engine zghir illi skond hu, jista' jghaddi mit-toroq dojoq fejn joqghdu ir-rikorrenti izda, dan il-fire engine mhux wiehed li jista' jifti n-nar li jista' jisviluppa gewwa dar residenzjali.

"Il-Perit Joe Bugeja, perit imqabbad mill-intervenut fil-kawza jikkonkludi illi *"on inspection of the property after the fireworks displays, it was found that, in spite of the fabric covering surface blemishes on various patches of*

*the hardstone coping and pool paint work were observed. These blemishes were not possible to remove by jetting or scrubbing or application of household detergents”.* (vide rapport a 86 tal-process)

“Illi Dr. Alec LaPira, *ENT specialist*, imqabbad mill-rikorrenti jikkonkludi a fol 89 tal-process li *“I can categorically state without hesitation that the implusive noise levels, to which Mr Fred Zammit Maempel and his family are yearly subjected to are and will continue to have detrimental effects on their auditory health. Once these become more severe, they will casue permanent hearing disability.’* Dan l-espert *ex parte* jispjega fix-xhieda tieghu *viva voce* fl-14 ta’ Frar 2006 illi l-impatt negattiv tal-hsejjes fin-nar fuq ir-rikorrenti jerga’ jigi ghan-normal wara l-festa izda jispjega illi l-hsara tkun saret u esposizzjoni ripetuta ghal dawn il-hsejjez jista’ jimpingi negattivament ghas-smigh tar-rikorrenti u dan jista’ jwassal ukoll ghall disabilita` permanenti.

“Ix-xhud Tania Borg Cardona, sid il-fond qabel ir-rikorrenti tiddiskrivi fix-xhieda taghha, kif ukoll ir-rikorrent fl-affidavit tieghu a fol 158 tal-process, episodju meta kien waqa’ murtul mhux splodut fil-gallerija ta’ quddiem tad-dar li imbaghad sploda u kawza certa hsarat konsiderevoli. Fl-istess affidavit, ir-rikorrent jiddeskrivi li kien hemm diversi okkazzjonijiet meta fil-fatt zviluppaw nirien fl-ghelieqi ta’ fejn joqghod ir-rikorrent. Jghid ukoll illi anke wara l-festi jibqghu jinstabu murtali mhux sploduti f’ghelieqi u dan b’periklu kbir ghall-bdiewa jew ghall-persuni ohra. Dawn ir-rizultanzi ma’ gew bl-ebda mod kontrastati mill-istess intimate.

“Illi l-istess rikorrenti jispjega li dettaljatament il-hsara li ta’ kull sena jsofri fil-proprjeta’ tieghu, u din tikkonsisti principalment f’debris li jinzel jkun ghadu jaqbad, u ovvjament il-periklu potenzjali tal-istess materjal, li jista’ jikkawza hruq fl-istess proprjeta’ jekk mhux dannu iktar serju minhabba materjal tan-nar li kemm il-darba jidher li nizel fuq l-istess proprjeta’ meta ma kienx ghadu splodut; dan apparti tniggis ta’ arja tal-madwar l-istess residenza u wkoll il-livell ta’ hoss tal-istess murtali li kkawzaw hsara

fizika, u li kollha kemm huma potenzjalment jistghu jwasslu ghall-hsara ferm ikbar, jekk mhux ukoll disabilita` permanenti u theddida ghal hajja u proprjeta' taghhom. Fil-fatt l-istess rikorrenti spjega li fil-granet meta jsir il-hruq tan-nar huwa ma jitlaqx mid-dar sabiex huwa jkun jista' jitfi xi murtalli jew debris tal-istess li jaqaw fil-fond tieghu, u b'hekk jevita (kemm jista' jkun) li jsir hruq fid-dar tieghu. (fol. 161).

“Illi l-Qorti Ewropea ezaminat diversi drabi l-relazzjoni bejn *‘serious environmental pollution’* u r-rispett ghad-dritt ghal hajja privata u tal-familja u d-dar. Fil-kawza **“Fadeyeva v. Russia”**, l-Qorti sabet illi fejn hemm *“a serious environmental pollution”* hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja**. F'dan il-kaz appena msemmi l-applikanti kellha d-dar taghha fi *“sanitary security zone”* li kienet madwar l-ikbar fabbrika tal-hadid gewwa r-Russja. L-effetti tat-tniggis ambjentali nstabu li kienu eccessivi. Il-Qorti qalet illi *“although the polluting plant in issue operated in breach of domestic environmental standards, there is no information that the State designed or applied effective measures which would take into account the interests of the local population, affected by the pollution, and which would be capable of reducing the industrial pollution to acceptable levels. (Vide López Ostra v. Spain, judgment of 9 December 1994, Hatton and Others v. the United Kingdom [GC], no. 36022/97, ECHR 2003-VIII, u Moreno Gómez v. Spain, no. 4143/02, ECHR 2004-X)”*.

“Illi fil-kawza **“Guerra and Others v Italy”**, in-nuqqas tal-Istat illi jinforma l-popolazzjoni ghar-riskji illi setghu ikorru minhabba impjant tal-kimika fisser ksur tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni** b'dan li llum jista' jinghad li l-istess artikolu jaghti protezzjoni lill persuna li tkun tista' tghix fid-dar taghha minghajr inkonvenjent serju jew periklu minhabba problemi krejati fl-attivatijiet li jistghu jsiru fil-vicinanzi li jkunu ta' hsara jew dannu ghall-ambjent fejn hemm l-istess dar jew residenza, liema attivitajiet nocivi jinkludu attivitajiet perikluzi fihom infushom u wkoll tniggis (*“pollution”)* tal-arja (bhal per ezempju b'minjieri) u wkoll

attivitajiet *"noise pollution".* (**"Powell and Rayner vs. The United Kingdom"** – ECHR – 21 ta' Frar 1990).

"Illi fil-kaz **"Lars Fagerskiold vs Sweden"** – 26 ta' Frar 2008 inghad li ghalkemm *"there is no explicit right in the Convention to a clean and quiet environment, but where an individual is directly and seriously affected by noise or other pollution, an issue may arise under Article 8 (see Hatton and Others v. the United Kingdom….Specifically, Article 8 applies to severe environmental pollution which may affect individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family life adversely, even without seriously endangering their health (Taskin and Others vs Turkey).*

"Illi huwa minnu illi l-mertu tal-kawza odjerna ma tittrattax xi haga li hija permanenti bhal per esempju fabbrika industrijali fil-vicinanzi taghhom izda ma hemmx dubbju illi l-hruq tan-nar mertu tal-kawza odjerna f'distanzi vicin jew f'inhawi fejn hemm ir-residenza tal-istess rikorrenti sehh diversi drabi, u l-probabilta' hija li se jibqa' jirrepeti ruhu u l-effetti tan-nar in kwistjoni fuq il-proprjeta' u l-persuni tar-rikorrenti huma dawk ta' hsara, ta' minaccja, ta' inkonvenjent serju, li jistghu jwasslu wkoll ghal danni permanenti kemm fl-istess proprjeta' u kemm fuq il-persuni li jghixu fl-istess dar, li ma hemm l-ebda dubju li hija r-residenza tal-istess rikorrenti u bhala tali hija suggett ta' protezzjoni taht l-istess artikolu anke a bazi tad-decizjonijiet kollha fuq citati.

"Illi dwar il-hrug tal-licenzji ta' kull sena qed jinghad mill-intimati li l-Kummissarju tal-Pulizija mexa fuq il-pariri li inghata mill-Grupp t'Esperti, u mill-provi prodotti jirrizulta li fis-sena 2000 (Dok. "MS2" – fol. 332) kien sar rapport mill-Grupp ta' Esperti msemmi fl-**artikolu 16 tar-regolamenti,** fejn sit sabiex jinghata n-nar ghall-festa ta' Sant' Antnin kien gie ddikjarat wiehed ristrett skond l-**artikolu 15 tal-A.L. 243 tal-1998 tal-istess regolamenti,** u li t-tlett siti fl-istess inhawi ghall festa ta' Sana Liena gew dikjararati mhux skond ir-regolamenti, izda l-hruq tan-nhar mill-istess inhawi ta' Raddiena xorta sar fuq licenzji li inhargu, u dwar dan b'rapport tal-Ombudsman datat 22 ta'

Frar 2001 (Kaz Numru 3333 - Dok. “C” a fol. 11) inghad li l-hrug ta’ zewg licenzjati hemm indikati ma’ sarx skond il-Fireworks and other **Explosives (Control) Regulations 1998** ghar-ragunijiet hemm dokumentati (fol. 13) u f’din id-decizjoni fuq citati. Jigi rilevat li dan it-tieni rapport sar konsegwenti ghar-rakkomandazzjoni li kienet saret fis-sena 2000 mill-istess Ombudsman fejn inghad li l-istess Kummissarju ghandhu jikkonsulta ma’ Grupp ta’ Esperti (li kellu jigi kompost skond r-**regolament 16 tal-A.L. 243 tal-1998**) sabiex jigi indikat jekk hux il-kaz li s-sit jigi ddikjarat bhala sit ristrett fit-termini tal-**artikolu 15** u b’hekk mill-istess sit jkunu jistghu jigu sparati biss xoghlijiet tan-nar li jkunu ta’ ghamla specifikatament approvata.

“Illi ssegwentement ghal dan baqghu jinhargu l-licenzji mill-istess inhawi ta’ Raddiena u dan inkluz fis-sena 2004, meta wara ilmenti mir-rikorrenti, jidher li l-Awtoritajiet kompetenti kienu kkonsultaw din id-darba mal-Kumitat tal-Esplozivi, ghaliex il-Grupp ta’ Esperti kontemplat fir-**regolament 16 tal-A.L. 243 tal-1998**, ma jirrizultax li kien kostitwiet.

“Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-Maggur Mario Spiteri (3 ta’ Ottubru 2007) u wkoll tas-Supretendent tal-Pulizija Neville Aquilina (affidavit 5 ta’ Ottubru 2006), fejn jirrizulta li wara li saret oggezzjoni ghal hruq tal-istess nar mill-istess siti, proprju mir-rikorrenti, l-pulizija kkonsultat mal-*Explosives Committee* li b’rapport taghha datat 13 ta’ Awissu 2004 (Dok. “MS3”) – fol. 334) approvat is-siti ndikati bl-ittra H u A fil-pjanta (fol. 335). Fl-istess rapport jinghad li *“there are two streets, Triq il-Qasbi, Birkirkara/San Gwann and Triq Vincenz Galea, which fall within the safety distance and the Committee was informed by the District Superintendent that these will be closed to traffic during the letting of fireworks. In view of the above the Explosives Committee recommends that this application should be favorably considered”.* Din il-Qorti tinnota li d-dar tar-rikorrenti tinsab proprju fi Triq Vincenz Galea, u allura l-istess dar tinsab ukoll *“within the safety distance”* li accenna ghalih l-istess Kumitat.

"Illi jirrizulta li wara li l-Awtorita` kompetenti semghet l-ilment tar-rikorrenti, u kkonsultat mal-Kumitat tal-Esplozivi u hareg ir-rapport Dok. "MS 3", il-licenzji relattivi inhargu sabiex jinghata n-nar mill-postijiet indikati fl-istess rapport, rapport li ma jsegwiex ir-rakkomdazzjonijiet tal-Ombudsman, peress li ma giex mahrug mill-Grupp ta' Esperti li jirreferi ghalih l-imsemmi Avviz Legali, b'dan ghalhekk li dan biss jitfa' dubju dwar l-legalita` tal-process tal-hrug tal-istess licenzji li ma huwiex konformi mal-ligi, anke jekk jidher li l-Kummissarju tal-Pulizija, mexa fuq il-pariri lilhu moghtija mill-Kumitat tal-Esplozivi, li jibqa' mhux il-Grupp ta' Esperti ndikat fl-istess Regolamenti u li ghalih saret riferenza fir-rapport tal-istess Ombudsman. Jigi ssottolineat li l-istess **A.L. 283** jaghmel referenza biss ghall Grupp ta' Esperti, u hemm deskritt kif dan ghandhu jkun kompost, tant li jinghad li ghandu jinkludi listess Kumitat tal-Esplozivi, izda ma hemm l-ebda dubju li l-Grupp ta' Esperti (indikat **fir-regolament 16 tal-A.L 243 tal-1998** kif emendat u Illum indikat bhala **L.S.33.03** – Dok. "MS" – fol. 389 *et sequitur* – li ghandhu jigi appuntat mill-Onorevoli Ministru) u l-Kumitat tal-Esplozivi (indikat f'artikolu 23 tal-Kap 33 appuntat mill-Eccellenza tieghu l-President ta' Malta) ma humiex l-istess haga, huma fil-fatt ta' komposizzjoni differenti, u wkoll ghandhom funzjonijiet diversi.

"Illi fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-procedura adottata sabiex jinhargu l-licenzji ma hijiex dik skond il-ligi, izda anke jekk jinghad jew jigi kkunsidrat li l-hrug tal-licenzi seta' sar b'mod regolari u skond il-ligi, (u dan ghaliex jista' jigi forsi argumentat li fl-ahhar mill-ahhar huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li ghandhu d-dritt johrog il-licenzja, u bhala Awtorita` jista' legalment ukoll ma' jsegwiex il-pariri lilhu moghtija (haga li ma rrizultatx)) dan ma ffissirx illi b'daqshekk ma jistax ikun hemm ksur tad-drittijiet fundamental ital-bniedem bil-hrug tal-istess licenzji.

"Illi dan ghaliex peress li fil-kuntest ta' din il-kawza il-Qorti qed tigi mitluba biex tara wkoll jekk l-ligi nnifisa hijiex lesiva ghad-drittijiet tar-rikorrenti skond l-imsemmija artikolu u jekk hemm tali lezzjoni jekk dan jistax issir

skond l-imsemmi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja, b'mod li xorta wahda inzamm bilanc bejn l-interessi ta' persuni individwali u l-interessi tal-kommunita` jew ta' terzi persuni. F'dan il-kuntest u wara li din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti kollha thoss li jirrizulta mill-fattispecie tal-kaz li l-hrug tal-loghob tan-nar mis-siti ndikati qed jikkawzaw inkonvenjent u dannu serju lill-istess rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom li jghixu bhala familja fir-residenza taghhom, u dan peress li bl-attivita` li qed issir ta' hruq tan-nar mis-siti ndikati f'Ta' Raddiena, l-istess persuna tar-rikorrenti u r-residenza taghhom qed tkun suggetta ghall diversi perikoli nkluzi dik ta' hsara lill-istess proprjeta' kemm minhabba li kawza tad-debris li jaqa' qed issir hsara attwali lill-istess proprjeta, u wkoll li minhabba l-livell ta' storbju generat qed tigi kkawzata hsara fuq il-persuna tal-istess rikorrenti (li tista' maz-zmien issir wkoll titrasforma ruhha f'wahda permanenti), izda wkoll peress li dejjem jezisti l-periklu li ssir hsara ikbar minn hekk minhabba l-istess attivita` nkluz permezz ta' hruq li jista' jkun wiehed estensiv ghall-istess proprjeta', u dan anke minhabba l-periklu li murtali jaqghu (kif waqghu) fl-istess proprjeta' u jisplodu hemmhekk u b'hekk jikkawzaw hsara li ma tistax tigi njorata lill-istess proprjeta' u anke dannu lill-okkupanti tal-istess, danni li jistghu jwasslu wkoll ghall-fatalita` serja.

"Illi dan qed jinghad ukoll fil-kuntest tal-fatt li f'din il-kawza odjerna qieghed jigi ilmentat illi d-definizzjoni ta' post abitat ai termini tal-**artikolu 2 tal-Kap 33** iledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Fil-fatt d-definizzjoni ta' *'post abitat'* fil-ligi hija dik ta' *"kull post fejn hemm gabra ta' djar li fihom jghammru, jew jistghu jghammru izjed minn mitt ruh"* u d-definizzjoni ta' 'abitat' fir-**regolament 2 tar-Regolament Dwar Kontroll ta' Xogholijiet tan-Nar u Esplosivi ohra (A.L. 243 tal-1998)** hija dik bhala ta' *"kull area li fiha jkun hemm gemgha ta' djar abitati, jew li jistghu jigu abitati, minn aktar minn mitt persuna"* in kwantu japplikaw ghall-**paragrafu D tat-Tieni Skeda tal-imsemmija Regolamenti.**

"Illi fil-kuntest tal-ligi jinghad li dan ifisser li ghalkemm l-attivita` ta' hruq tal-loghob tan-nar ghall-festi hija dejjem

suggetta ghal-licenzja tal-pulizija, izda fil-ligi u minhabba dak li hemm provdut fl-**artikolu 14 (b) tal-A.L. 243 tal-1998 kif emendat b'L.S. 33.03** (li jirreferi ghall-post approvat li jissodisfa d-disposizzjonijiet fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda), jirrizulta li tali postijiet qed jitqiesu b'distanzi specifici ndikati **f'paragrafu D tat-Tieni Skeda**, relattati dejjem ma' dak li huwa kkunsidrat bhala post abitat jew abitat, b'dan allura li minhabba tali definizjoini fil-ligi ta' post abitat, jirrizulta li post minn fejn jista' jsir tal-hruq tan-nar huwa kkonsidrat post approvat ghaliex qed issir f'sit li ghandhu distanzi indikati fil-ligi l-boghod minn area li fiha ma hemmx fondi li fihom hemm jew jista' jkun hemm mitt persuna jghixu, bil-konsegwenza li jirrizulta li qed tinghata protezzjoni fejn ikun hemm f'postijiet fejn hemm mitt persuna jew aktar jghixu, mentri mhux qed tinghata l-istess protezzjoni meta jkun hemm inqas persuni jghixu, u dan meta l-istess persuni naturalment jistghu jkunu u fil-fatt huma suggetti ghall-istess periklu.

"Illi dan huwa iktar serju meta wiehed jikkonsidra li hawn qed jigi kkunsidrat ambjent fejn hemm residenzi permanenti, mqar jekk wahda, u li allura fih hemm almenu persuna wahda tghix jew tista' tghix – u dan meta l-ligi taghti protezzjoni wkoll lil-toroq pubblici – li fihom bil-kondizzjonijiet fl-istess ligi u regolamenti – jigi wkoll kemm jista' jkun assigurat li ma jigu maghluqa ghall pubbliku – waqt li tkun qed issir l-istess attivita` – dan ovvjament biex tigi evitat dannu lill persuna li tkun ghaddejja minn hemm. Fil-fatt fil-licenzja li inghatat fis-sena 2004 inghad specifikatament li ma ghandhux jithalla jghaddi traffiku minn Triq Vincenz Galea – izda ma intqal xejn fir-rigward tar-residenzi fl-istess inhawi, proprju ghaliex l-istess residenzi ma jaqawx taht id-definizzjoni ta' post abitat u dan minkejja li gie verifikat li it-triq fejn hemm ir-residenza tar-rikorrenti taqa' *"within the safety distance".*

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li bil-ligi kif inhi mhux qed tinghata protezzjoni minn periklu ghall persuni li huma inqas minn mija (100) li jghixu f'area, u dan ghaliex taht l-aspett hawn ezaminat l-istess ligi qed taghti protezzjoni biss f'areas fejn hemm postijiet fejn jistghu jghixu 100 persuna jew aktar; u dan meta din il-Qorti thoss li fejn

hemm periklu ghandhu jkun hemm protezzjoni ghall kull individu indipendentement minn numru ta' individwi.

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li gie ppruvat li fl-applikazzjoni tal-istess disposizjonijiet legali ghall-hrug tal-istess licenzji, anke jekk jigi tenut li giet osservata l-ligi, u bil-hrug tal-istess licenzji taht il-ligi u r-regolamenti attwali qed jikkawzaw, kif fuq deskritt u ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza, migjuba bhala provi mir-rikorrenti, dawk li jissejjhu bhala *"environmental nuisances"* li qed jikkawzaw *"an actual interference with the applicant's private sphere"* u li minhabba l-effetti li l-istess qed ikollha fuq rikorrenti, l-familja tieghu, u r-residenza tieghu, qed jikkawzaw livell ta' severita` tali li jwasslu ghall ksur tad-dritt sancit favur ir-rikorrenti skond l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni ("Fadayeva vs Russia")** u dan l-livell ta' interferenza fil-hajja privata tar-rikorrenti f'daru gie ppruvat fil-livell rikjest mil-ligi.

"Illi dan ifisser li fil-kaz tar-rikorrenti l-Istat anke minhabba l-legislazzjoni ndikata ma rregolax bizzejjed l-attivita` mertu tal-kawza odjerna **("Powell and Rayner vs The United Kingdom"** – 21 ta' Frar 1990; **"Geurra vs Italy"** – 19 ta' Frar 1998) b'dan li l-Istat qed jonqos milli jiehu *"reasonable and appropriate measures to secure the applicant's rights under article 8 para (1) of the Convention".* F'dan il-kuntest jinghad li *"whatever analytical approach is adopted – the breach of a positive duty or direct interference by the State – the applicable principles regarding justification under article 8 para (2) as to the balance between the rights of an individual and the interests of the community as a whole, are broadly similar"* **("Keegan vs Ireland"** – ECHR 26 ta' Mejju 1994).

"Illi f'dan il-kuntest jinghad li ghalkemm l-Istat ghandu margni ta' apprezzament sabiex legalment jirregola l-istess interferenza, pero` l-punt li huwa jagixxi fil-limiti tal-legislazzjoni nazzjonali huwa biss wiehed mill-fatturi sabiex jigi ezaminat jekk hemmx il-*"fair balance"* bejn id-drittijiet kontemplati fl-**artikolu 8 (2) tal-Konvenzjoni,** izda din hija dejjem suggetta ghall l-iskrutinju tal-Qrati (**"Lustig-Prean and Beckett vs the United Kingdom"** –

27 ta' Settembru 1999) ghalkemm ir-rwol tal-Qorti huwa sabiex tara jekk il-mod kif ittiehdu l-istess decizjonijiet kienx wiehed ekwu **("Buckley vs the United Kingdom"** – 25 ta' Settembru 1996) u f'cirkostanzi eccezzjonali anke jwassal sabiex l-istess decizjonijiet tal-Istat jigu riveduti **("Taskin and others vs Turkey"** – 10 ta' Novembru 2004) u dan specjalment f'kazi fejn jidher li d-detriment lejn il-hajja tal-individwu huwa wiehed serju u li l-mizuri mehuda anke jekk skond il-ligi, ma humiex bizzejjed sabiex l-individwu jressaq il-quddiem l-ilmenti tieghu u sabiex tali lanjanzi tieghu, jigu ben ikkunsidrati.

"Illi tenut kollu ta' dak li rrizulta mill-fattispecie tal-kaz in ezami jirrizulta li l-istess rikorrenti, minkejja d-diversi oggezzjonijiet tieghu, anke mal-Awtoritiajiet kompetenti, ma setghax jasal sabiex l-ilment tieghu jigi ben ikkonsidrat proprju wkoll minhabba l-fatt li huwa ma kienx konsidrat li jghix f'post abitat, ghaliex fejn joqghod ma hijiex area fejn jghixu jew jistghu jghixu mitt persuna jew aktar u fid-dawl ta' dan din il-Qorti ma tistax tghid li fl-istat attwali tal-ligi l-Istat *gave due weight to the interests of the community* (f'dan il-kaz ir-rikorrenti) *living in the proximity* (of the site/s licensed) *to let of fireworks.*

"Illi b'hekk din il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-kaz, u proprju minhabba d-definizzjoni ta' dak li huwa kkunsidrat bhala post abitat ma hemmx bilanc bejn indhil minn awtorita` pubbliku fl-ezercizzju ta' tali dritt skond l-artikolu 8 u dak li huwa mehtieg fl-interess tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' haddiehor, f'dan il-kaz l-ezercizzju tal-attivita` tal-loghob tan-nar, u dan ghaliex id-dannu, il-periklu, u r-riskju li qed jigi espost ghalih ir-rikorrenti u l-familja tieghu f'daru, kemm ghall sahtu u kemm ghall-proprjeta' tieghu huwa kbir wisq meta kkomporat mal-ezercizzju tal-istess attivita`.

"Illi dwar id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea** jinghad li b'dak li fuq inghad hemm vjolazzjoni tad-dritt sostantiv u ghalhekk jonqos il-kwistjoni jekk kien hemm trattamant differenti bejn l-istess kwalitajiet ta' nies u hawn wiehed jirreferi ghall dak li fil-kaz **"Litghow and others vs. United Kingdom" (1986)**

gie deskritt bhala "*safeguards persons … who are 'placed in analogous situations' against **discriminatory** differences of treatment*" b'dan li jrid jigi ppruvat li grupp ta' nies gew suggetti ghall-trattament differenti fl-istess cirkostanzi jew fattispecie simili, u dan il-Qorti thoss li kif hija l-ligi hemm trattament differenti ghall-persuni li jghixu f'post abitat li jikkontjeni jew jista' jikkontjeni 100 persuna jew aktar, u areas jew siti fejn hemm numru ta' residenzi inqas minn dak ta' 100 stabilit mil-ligi u din il-prova ta' trattament differenti fil-kaz odjern tohrog mill ligi stess li taghmel proprju din id-differenza ta' kunsiderazzjoni bejn residenti f'post abitat skond il-ligi u post mhux hekk abitat u ghalhekk saret il-prova mir-rikorrenti ta' dak li fil-kaz **"Fredin vs. Sweden" (1991)** irreferiet bhala wiehed ta' diskriminazzjoni meta r-rikorrenti jipprova "*inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of the persons who have been better treated*" u din il-Qorti thoss li d-distinzjoni li qed taghmel il-ligi bejn l-istess residenzi certament ma' hijiex proporzjonata **"Litghow and others vs. United Kingdom (1986)"** u dan ghaliex f'dan il-kaz id-differenza ta' trattament hija diskriminatorja ghar-rikorrenti ghaliex "*there is no 'reasonable relationship of proportionality' between the means employed and the aim sought to be realised*." Il-Qorti Ewropeja qalet li t-test ta' proporzjonalita` jezigi li tinghata konsiderazzjoni lill-fatt li l-izvantagg soffert kien eccessiv ghar-rigward tal-"ghan legittimu."

"Illi dwar il-hames talba tar-rikorrenti ghall-kumpens din il-Qorti thoss li d-dikjarazzjoni ta' nullita` tal-artikolu tal-ligi u d-dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti huma rimedju xieraq bizzejjed fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz; fir-rigward tas-sitt talba tar-rikorrenti din il-Qorti thoss li bid-dikjarazzjonijiet moghtija fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba talba tar-rikorrenti qed jinghata lir-rikorrenti rimedju xieraq u opportun, b'dan li l-interessi u d-dritt tieghu taht l-**Artikolu 8** tieghu ghandu jigu protetti fid-dawl ta' dak provdut f'din id-decizjoni.

**<u>Rikors tal-appell tal-Avukat General u tal-Kummissarju tal-Pulizija</u>**

L-intimati Avukat General u Kummissarju tal-Pulizija hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'rikors prezentat fi-15 ta' April 2009.

Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

Fl-ewwel aggravju l-intimati appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni meta qabblet dan il-kaz ma' kazijiet ohra decizi mill-Qorti Ewropeja li ttrattaw dwar tniggis ambjentali ta' natura permanenti u serji hafna meta dawk il-kazijiet kienu fil-fattispecie ghal kollox differenti minn dan il-kaz. Skond l-intimati, biex japplika l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni f'kazijiet bhal dawn il-hsara ambjentali trid tkun wahda kbira u gravi u jrid jigi pruvat li l-allegata hsara affettwat il-hajja familjari tar-rikorrenti u ma halliethomx igawdu darhom. L-iStat f'materja dwar l-ambjent ghandu diskrezzjoni wiesa u mhux kull interferenza mill-iStat li jista' jkollha effett negattiv fuq il-hajja privata necessarjament twassal ghal ksur tal-Artikolu 8 imma jista' jkun hemm ragunijiet u cirkostanzi specifici permessi mil-ligi.

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li dan kien kaz ta' *self imposed hardship* peress illi r-rikorrenti xtraw id-dar taghhom meta kienu jafu li fl-inhawi kien jinharaq il-loghob tan-nar u kien ilu hekk jinharaq ghal snin.

It-tielet aggravju huwa li l-Qorti ma kellhiex issib li kien hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat ma' l-Artikolu 8 billi ma giex pruvat li r-rikorrenti nghataw trattament differenti minn ohrajn fl-istess posizzjoni bhalhom, u l-Kummissarju dejjem ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u dan fil-konfront ta' kulhadd, inkluz tar-rikorrenti.

Fir-raba' aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu li ghalkemm l-ewwel Qorti korrettement iddecidiet li fir-rigward tal-hrug tal-licenzji, r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li setghu juzaw, il-Qorti fis-sentenza taghha imbaghad ikkummentat dwar il-hrug tal-licenzja mill-

Kummissarju ghas-sena 2000 u tikkwota estensivament mir-rapport tal-Ombudsman (para. 31 sa 34 tas-sentenza). Skond l-appellanti, dawn l-ilmenti kellhom jigu indirizzati f'azzjoni civili ordinarja u mhux f'wahda konvenzjonali ossia ta' ksur ta' drittijiet fundamentali kif protetti bil-Konvenzjoni.

L-ahhar aggravju tal-intimati huwa fis-sens li l-ewwel Qorti poggiet piz iktar milli kellha fuq il-livell ta' hoss li jkun prezenti waqt il-hruq tan-nar. Huma jissottomettu li f'dan il-kaz ma ngabitx prova tal-livell ordinarju ta' storbju fid-dar tar-rikorrenti u lanqas ma gie pruvat li l-livell ta' hoss kien eccessiv u serju bil-mod kif jirrikjedi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' *environmental issues.*

**<u>Rikors tal-appell ta' l-Intervenuta fil-kawza l-Ghaqda tan-Nar Sant' Elena.</u>**

L-intimati intervenuti fil-kawza, l-Ghaqda tan-Nar Sant' Elena hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b'rikors prezentat fis-6 ta' April 2009.

Fil-qosor, l-aggravji ta' din l-ghaqda huma s-segwenti:

L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja li jittrattaw dwar *serious environmental pollution* u r-rispett ghad-dritt ghall-hajja privata, il-familja u d-dar meta dawn il-kazijiet kienu totalment differenti mill-kaz odjern li ma kienx jittratta dwar problema ambjentali serjissima jew permanenti u rriversibbili fl-effetti taghha. L-ewwel Qorti qaghdet fuq l-ilmenti tar-rikorrenti dwar hsarat u hsejjes u a bazi taghhom laqghet it-talbiet tar-rikorrenti minghajr ma ghamlet apprezzament ta' diversi fatturi ohra rilevanti ghall-kaz.

It-tieni aggravju tas-socjeta` intimata huwa li l-ligi mhix diskriminatorja. Huma jsostnu li r-rikorrenti ma gabux prova li persuna jew persuni li huma fl-istess posizzjoni bhalhom, u cioe`, dawk inkluzi fid-definizzjoni tal-ligi rigwardanti post abitat, gew trattati b'mod differenti mill-awtoritajiet. Anke kieku wiehed kellu jaccetta dak li qed

isostnu r-rikorrenti, xorta wahda ma kienx ikun hemm diskriminazzjoni billi f'dan il-kaz kien hemm ghan legittimu u cioe` li l-istat jirregola l-hruq tan-nar fil-festi, u dik il-mizura kienet proporzjonata ghaliex holqot bilanc bejn l-interess generali tal-kommunita` u l-interessi tal-individwu.

**Rikors tal-appell tat-terz Karmenu Spiteri fil-kwalita` tieghu ta' President u Joseph Theuma fil-kwalita` tieghu ta' segretarju ghan-nom u in-rapprezentanza tas-Socjeta` Piroteknika Maltija**

Is-Socjeta` Piroteknika Maltija hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b'rikors prezentat fl-14 ta' April 2009.

L-ewwel aggravju tas-socjeta` imsemmija jirrigwarda l-ilment bazat fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hija ssostni li l-ewwel Qorti, fl-apprezzament taghha, ikkunsidrat l-attivita` li biha l-iStat jirregola l-hruq tan-nar permezz tar-regolamenti (A.L. 243/1998) daqs li kieku hija attivita` permanenti li tista' b'xi mod tikkwalifika bhala *a severe environmental pollution* skond is-sentenzi li gew citati minnha. Is-socjeta` appellanti tikkontendi li l-attivita` li qieghed jippermetti l-iStat f'dan il-kaz m'hiex wahda ta' natura permanenti u hi limitata ghal xi hinijiet ta' ftit granet matul is-sena.

It-tieni aggravju jirrigwarda d-dritt protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar diskriminazzjoni. Is-socjeta` appellanti ssostni li mhux kull trattament differenti jekwivali awtomatikament ghal diskriminazzjoni. Ir-regolamenti msemmija huma ntizi biex jirregolaw l-ispettaklu tan-nar li jsir, filwaqt li jsibu bilanc bejn l-esigenzi tas-socjeta` in generali u tal-individwu partikolari. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dawk li jghixu f'post fejn hemm inqas minn mitt abitant ghandhom xi protezzjoni inqas minn dawk li jirrisjedu f'post fejn hemm mija jew aktar, u dan minghajr ma tat l-importanza dovuta lil dawk il-provvedimenti l-ohra li jaghmlu dawn ir-regolamenti strument biex jintlahaq il-bilanc bejn il-varji esigenzi.

**Risposta tal-appellati**

Illi l-appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Kwantu ghall-ilment taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-appellati jissottomettu li huma mhux qed jitolbu li n-nar tal-festi jigi abolit imma biss li d-distanzi li l-Kap 33 jistabilixxi bhala distanzi protettivi ghat-tlugh tan-nar japplikaw ghalihom cioe` li t-tlugh tal-murtali jsir minn distanza aktar imbeghda mill-fond fejn jirrisjedu. Huma mhux qed jinvokaw kwistjoni ta' *nuisance* izda li t-tlugh tan-nar minn distanza ravvicinata qieghed effettivament jikkawzalhom hsarat reali lil persunthom u lill-proprjeta` taghhom u minaccja serja ghal hajjithom.

Fir-rigward tal-ilment taht l-Artikolu 14 l-appellati jsostnu li d-definizzjoni ta' abitat fir-regolamenti msemmija eskludiet il-protezzjoni ghal kommunitajiet ta' mitt (100) persuna jew anqas. Jekk distanzi ravvicinati minn dawk stabbiliti huma ta' periklu ghal mija u wiehed (101) persuni, daqstant huma ta' periklu ghal mitt (100) persuna u tali diskriminazzjoni tikser l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

**Fatti**

Dan ir-rikors kostituzzjonali, proprjament konvenzjonali, jirrigwarda lment taht l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar hrug ta' permessi ghall-hruq ta' nar ghall-festi ta' Sant' Antnin u Sant' Elena, fl-akkwati tar-Raddiena limiti San Gwann gia` limiti ta' B'Kara, minn sit f'distanza ta' madwar 150 metru 'l boghod mid-dar tar-rikorrenti u li qed jigi allegat li jikkawza hsara fil-proprjeta` u fuq il-persuna tar-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi r-rikorrenti qed jibbazaw il-lanjanzi taghhom fuq l-Artikolu 8 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovvdi li

"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

"(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jilmentaw minn ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi qed ighidu li t-tlugh tan-nar minn distanzi ravvicinati ghar-residenza taghhom, kif qed isir kull sena fil-festi imsemmija, qed jikkawzaw danni rilevanti fil-proprjeta` u s-sahha taghhom, kif ukoll hemm minaccja micidjali potenzjali.

L-ewwel Qorti tat ragun lir-rikorrenti u qalet li "*proprju minhabba d-definizzjoni ta' dak li huwa kkunsidrat bhala post abitat ma hemmx bilanc bejn indhil minn awtorita` pubbliku fl-ezercizzju ta' tali dritt u dak li huwa mehtieg fl-interess tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' haddiehor, (f'dan il-kaz l-ezercizzju tal-attivita` tal-loghob tan-nar), u dan ghaliex id-dannu, il-periklu, u r-riskju li qed jigi espost ghalih ir-rikorrenti u l-familja tieghu f'daru, kemm ghal sahtu u kemm ghall-proprjeta` tieghu huwa kbir wisq meta kkomparat ma' l-ezercizzju tal-istess attivita*`."

L-aggravju tat-tliet appellanti dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fuq dan l-artikolu huwa li l-Qorti, a bazi tal-gurisprudenza minnha kwotata, sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 minhabba *environmental pollution* meta f'dan il-kaz, l-inkonvenjent ma kienx daqshekk gravi li seta' jwassal biex jigi klassifikat bhala *environmental pollution* ghal diversi ragunijiet minnhom imsemmija, principalment billi l-inkonvenjent mhux wiehed permanenti, imma <u>ristrett ghal ftit sighat fuq medda ta' ftit granet fis-sena, meta jsir</u>.

Din il-Qorti tibda biex tirrileva li l-lanjanza tar-rikorrenti mhix bazata fuq id-dritt ta’ propjeta` u danni subiti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, imma l-azzjoni, kif gia` nghad hija bazata fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar rispett tal-hajja privata ta’ dak li jkun u tal-familja tieghu, ta’ daru u tal-korrispondenza tieghu. Ir-rikorrenti pero` donnhom imbaghad stradaw l-provi taghhom principalment fuq id-danni li qed isofru. Tant hu hekk li fir-risposta taghhom ghall-appell tal-Ghaqda tan-Nar Sant’ Elena, huma jghidu testwalment “*l-esponenti mhux qed jinvokaw kwistjoni ta’ nuisance izda ressqu l-provi inkonfutabbili u mhux kontradetti illi t-tlugh tan-nar minn distanza ravvicinata effettivament qed tikkawzalhom hsarat rejali lil persunthom u lill-proprjeta` taghhom u minaccja serja ghal hajjithom*” (fol. 3 tar-risposta). Il-lanjanza tar-rikorrenti hija dwar l-Artikolu 8 u ghalhekk il-Qorti trid bil-fors timxi fuq it-talba li hemm fl-att promotorju. L-istharrig, ghalhekk, irid ikun fuq jekk giex lez id-dritt tar-rikorrenti fir-rigward ta’ dan l-Artikolu 8.

Jigi rilevat, inoltre, li r-rikorrenti lanqas ma jindikaw liema aspett taht l-Artikolu 8 huma qed jippretendu li gie lez, cioe` jekk hux id-dritt ghall-hajja privata, id-dritt ghall-hajja tal-familja jew id-dritt ghad-dar. Mill-atti u mix-xhieda jidher pero` li r-rikorrenti qed jilmentaw minn nuqqas ta’ tgawdija tad-dar taghhom (fil-granet meta jinharaq in-nar) minhabba l-periklu li qed ikun hemm ghall-proprjeta` taghhom u ghal hajjithom kull darba li jittella’ n-nar fil-festi msemmija li jsiru f’B’Kara.

Issa, skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem:

“A home will usually be the place, the physically defined area, where private and family life develops. The individual has a right to respect for his home, meaning not just the right to the actual physical area, but also to the quiet enjoyment of that area. Breaches of the right to respect of the home are not confined to concrete or physical breaches, such as unauthorised entry into a person’s home, but also include those that are not concrete or physical, such as noise, emissions, smells or

other forms of interference. A serious breach may result in the breach of a person's right to respect for his home if it prevents him from enjoying the amenities of his home." (ara ***Hatton and Others v. the United Kingdom*, § 96**).

Skond il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u li ghaliha saret referenza fin-noti ta' sottomissjonijiet[1] tal-partijiet, in

[1] **Il-Qorti ser taghmel referenza hawn fil-qosor ghall-gurisprudenza ta' Strasburg li l-partijiet irreferew ghaliha:**

In relation to this, the Court recalls that there is no explicit right in the Convention to a clean and quiet environment, but where an individual is directly and seriously affected by noise or other pollution, an issue may arise under Article 8 (see *Hatton and Others v. the United Kingdom* [GC], no. 36022/97, § 96, ECHR 2003-VIII). Specifically, Article 8 of the Convention applies to severe environmental pollution which may affect individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family life adversely, even without seriously endangering their health (see, among others, *Taşkın and Others v. Turkey*, no. 46117/99, § 113, ECHR 2004-X).

Thus, the Court has found Article 8 to be applicable in, among others, the following circumstances. In *López Ostra v. Spain* (judgment of 9 December 1994, Series A no. 303-C) the applicant lived for years only twelve metres from a waste-treatment plant which emitted smells, noise and fumes, including hydrogen sulphide emissions which exceeded the permitted limit and could endanger the health of those living nearby. In *Guerra and Others v. Italy* (judgment of 19 February 1998, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-I) all the applicants lived in a village approximately one kilometre away from a factory which was classified as being high-risk as, in the course of its production cycle of fertilisers and caprolactam, it released large quantities of inflammable gas and other toxic substances, including arsenic trioxide. In addition, because of the factory's geographical position, emissions from it into the atmosphere were often channelled towards the village. Similarly, in *Taşkin and Others* (cited above) the applicants lived in villages situated near a gold mine where gold was extracted by sodium cyanide leaching and the Turkish Supreme Administrative Court had found that this represented a threat to the environment and the right to life of the neighbouring population. Likewise, in *Fadeyeva v. Russia* (no. 55723/00, ECHR 2005-IV) the applicant lived 450 metres from the site of a steel plant (the largest iron smelter in Russia), within the delimited area in which the toxic pollution caused by steel production was excessive and where the maximum concentrations of pollutants registered near the applicant's home were often ten times higher than the average annual concentrations, which were already above safe levels. Moreover, in *Giacomelli v. Italy* (no. 59909/00, 2 November 2006) the applicant lived 30 metres away from a plant for the storage and treatment of "special waste", including the "detoxification" of hazardous waste, a process involving treatment of special industrial waste using chemicals. The operation of the plant had been found to be incompatible with environmental regulations by the Ministry of the Environment. In *Moreno Gómez v. Spain* (no. 4143/02, ECHR 2004-X) the applicant lived in a residential area with licensed bars, pubs and discotheques in the vicinity of her home where the noise levels were measured in excess of 100 dB at 3.35 a.m. on Saturdays, although the legal maximum noise level was 45 dB between 10 p.m. and 8 a.m. The noise caused the applicant insomnia and serious health problems. Also, in *Hatton and Others* (cited above) the applicants, depending on the location of each of their homes in relation to Heathrow airport, were exposed to a noise level from aircraft disturbance of between 57 and 66 dB LAeq (the average degree of community annoyance from aircraft noise over a

sostanza jidher li "in order to raise an issue under Article 8, the interference must directly affect the applicant's home, family or private life and the adverse effects of the environmental pollution must **attain a certain minimum level of severity.** The assessment of that minimum is relative and depends on all the circumstances of the case, such as the intensity and duration of the nuisance, and its physical or mental effects. The general context of the environment should also be taken into account".

Apparti l-obbligu negattiv li l-istat ghandu li ma jinterferix fil-hajja privata u familjari ta' individwi, l-istat ghandu wkoll obbligu pozittiv li effettivament jirrispetta l-hajja privata u familjari tal-individwi (Kaz ta' **Airey 1979**) u dan l-obbligu jista' jinvolvi, fost ohrajn, li l-istat jiehu mizuri intizi biex jassiguraw ir-rispett bejn l-individwi nfushom. (ara l-kaz **X and Y v. The Netherlands**). Izda tant jekk l-ilment jigi ezaminat mil-lat tal-obbligu pozittiv (paragrafu 1 tal-Artikolu 8), kif ukoll mil-lat tal-obbligu negattiv kif jirrizulta mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 8, il-principju applikabbli jibqa' bazikament l-istess u cioe` li "*In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole.*" (ara ***Hatton and Others v. the United Kingdom*, § 98**).

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kellha tezamina jekk l-istat hax il-mizuri kollha necessarji biex jipprotegi d-dritt tar-rikorrenti kif sancit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

---

sixteen-hour daytime exposure). Moreover, the maximum "average sound exposure" suffered by each applicant was calculated at between 83.4 and 94.4 dB as a result of the seven different types of aircraft arriving at Heathrow before 6 a.m. each morning. Similarly, in *Ashworth and Others v. the United Kingdom* (no. 39561/98, 20 January 2004) the applicants lived close to an aerodrome. The noise levels at the home of one of the applicants had been measured at between 41 and 43 dB during mid-morning with background noises but without aviation activity. These levels were considered to be typical for a semi-rural location. However, the noise levels increased to between 64 and 67 dB, and occasionally to more than 75 dB, when there were fixed-wing and helicopter aircraft activities at the aerodrome. (Fagerskiold v. Sweden 25.3.08)

Jibda biex jigi puntwalizzat li fil-kaz in ezami r-rikorrenti bbazaw it-talba taghhom fuq allegat nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija, bil-fatt li (a) ta’ kull sena fl-okkazjoni tal-festi ta’ Sant’ Elena u ta’ Sant’ Antnin johrog licenzji ghall-hruq ta’ xoghlijiet tan-nar jew jippermetti l-istess hruq mill-ghelieqi in kwistjoni, (b) il-fatt li jaghmel dan minghajr ma jinforma lir-residenti koncernati, fosthom ir-rikorrenti, bl-applikazzjonijiet relativi, minghajr ma jaghtihom opportunita` sabiex iressqu sottomissjonijiet fir-rigward, u minghajr ma jinformahom dwar il-hrug tal-istess licenzji sabiex ikunu f’pozizzjoni li jekk iridu jimpunjawhom, u (c) in-nuqqas tal-istess Kummissarju milli jiddikjara l-ghelieqi in kwistjoni postijiet ristretti *ai termini* tal-ligi *nonostante* l-parir tal-grupp ta’ esperti.

Dwar l-ilment fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-ewwel Qorti ddecidiet li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ai termini tal-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 dwar stharrig gudizzjarju, ghalhekk ma haditx aktar konjizzjoni tal-allegazzjonijiet mir-rikorrenti fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma segwiex il-procedura stabbilita mil-ligi ghall-hrug tal-istess licenzji. Minn din id-decizjoni r-rikorrenti ma appellawx. Ghalhekk ghandhom ragun l-appellati Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija fl-aggravju taghhom (ara r-raba’ aggravju) fejn semmew li ghalkemm l-ewwel Qorti korrettement iddecidiet li fir-rigward tal-hrug tal-licenzji, r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li setghu juzaw, il-Qorti fis-sentenza taghha xorta kkummentat dwar il-hrug tal-licenzja mill-Kummissarju ghas-sena 2000 u tikkwotat estensivament mir-rapport tal-Ombudsman (ara fol. 41 sa 44 tas-sentenza) meta dawn l-ilmenti kellhom jigu indirizzati f’azzjoni civili ordinarja u mhux konvenzjonali bhal dik prezenti. Din il-Qorti ezaminat il-bran tas-sentenza li saret referenza ghalih u hi tal-fehma li jidher li l-ewwel Qorti accettat dak li qal l-Ombudsman fir-rakkomandazjzoni tieghu minghajr ma l-atti rilevanti tressqu ghall-ezami quddiem dik il-Qorti[2], u meta kien gie deciz li kien hemm rimedju ordinarju ghal dik il-kwistjoni.

[2] L-intimati Ghaqda tan-nar Sant’Elena, kienu lmentaw mal-Ombudsman (ara ittra a fol. 320) li, dwar ir-rakkkomandazzjoni tieghu, huma ma kienux gew ikkonsultati u ghalhekk l-ufficcju tieghu seta’ gie svijat u ma kellux l-opportunita` li janalizza sewwa l-kaz billi

It-talbiet tar-rikorrenti ghalhekk ghandhom jibqghu nkwadrati biss fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi li r-rikorrenti qed jikkontestaw li jirrigwardaw l-Artikolu 2 tal-Kap. 33 u r-Regolament 2 tal-Avviz Legali 243/1998 in kwantu japplikaw ghall-paragrafu D tat-Tieni Skeda, u l-Artikolu 24 tal-Kap. 33, u r-Regolamenti 12 u 14 tal-Avviz Legali 243/1998. Fl-istharrig taghha din l-Qorti trid tara jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 minhabba l-konsegwenzi li qed ibatu r-rikorrenti minhabba l-allegat ksur ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Bazikament ir-rikorrenti qed jissottomettu li d-definizzjoni tal-ligi ta' "post abitat" bhala "kull post fejn hemm gabra ta' djar li fihom jghammru jew jistghu jghammru izjed minn mitt ruh" u dik ta' "abitat" bhala "kull *area* li fiha jkun hemm gemgha ta' djar abitati, jew li jistghu jigu abitati, minn aktar minn mitt persuna" tikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti sancit mill-Artikolu 8 u bl-Artikolu 14 u dana billi l-ligi taghti protezzjoni fejn hemm aktar minn mitt (100) persuna imma mhux fejn hemm anqas minn mija (100).

L-appellanti kollha jissottomettu (ara l-ewwel aggravju taghhom) li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma japplikax f'dan il-kaz billi t-tniggiz ambjentali lmentat mir-rikorrenti mhux ta' natura permanenti u lanqas jilhaq dik il-gravita` li tissemma' fil-gurisprudenza l-Qorti ta' Strasbourg.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ilment tar-rikorrenti fil-fatt jaqa' biex jigi kkunsidrat taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Ghalkemm skond il-Qorti ta' Strasbourg, fil-Konvenzjoni ma hemm ebda *explicit right to a clean and quiet environment* imma fejn individwu *is directly and seriously affected by noise or other pollution, an issue may arise under Article 8* (ara **Hatton and Others v. the United Kingdom**). Waqt li hu necessarju li r-rikorrenti juru li kien hemm ksur ta' dritt ghal tgawdija ghall-familja u ghal darhom mhux necessarju li jigi stabbilit li kien hemm ness dirett bejn dan il-ksur u l-problemi ta' sahha tar-rikorrenti u dan billi *severe environmental pollution may affect*

---

ma semghax lil min jaghmel uzu minn dak is-sit biex jinharaq in-nar u jisma' jekk kienx hemm postijiet ohra minn fejn seta' jsir hruq tan-nar f'daqsijiet akbar minn dawk imsemmija fir-rakkomandazzjoni tieghu.

*individuals' well-being and prevent them from enjoying their homes in such a way as to affect their private and family health adversely without, however, seriously endangering their health* (**Lopez Ostra v. Spain. 9.12.1994** para. 51).

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jilmentaw mill-hoss esagerat meta jinghata n-nar, partikolarment il-bombi tal-gelatina u tal-berqa, kif ukoll mill-periklu tal-murtali, kemm minhabba l-kimici li jkun fihom kif ukoll billi meta dawn ma jisplodux jistghu jispiccaw god-dar taghhom jew fl-eghlieqi biswit u jiehdu n-nar. Jilmentaw ukoll li meta dawn il-murtali jispiccaw f'xi ghalqa minghajr ma jkunu splodew, ikun hemm il-periklu li dawn jingabru minn persuni, specjalment mit-tfal. Ir-rikorrenti gabu wkoll provi (ara certifikati medici ezibiti) li l-isparar tan-nar f'distanza daqshekk ravvicinata ghad-dar taghhom qed jeffettwalhom is-smigh ghalkemm mhux permanentement. Hemm prova li s-smigh taghhom qed imur lura gradwalment. Gie pruvat ukoll li l-hruq tan-nar ta' kull sena f'dawk l-akwati qed jikkawza hsara fil-proprjeta` tar-rikorrenti nonostante li huma jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji.

F'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, il-hoss tal-ispluzzjonijiet esagerati u l-periklu ghall-hajja u l-proprjeta` tar-rikorrenti fil-fatt qed jaffettwaw negattivament il-hajja privata tar-rikorrenti b'mod li huma, fi granet specifici, ma jistghux igawdu darhom u ghalhekk ikollhom inkonvenjent kbir. Wiehed irid jara issa, pero`, jekk tali inkonvenjent u interferenza fil-hajja privata tar-rikorrenti jammontax ukoll ghal lezjoni tal-imsemmi Artikolu 8.

Stabbilit dan, il-Qorti trid tezamina wkoll jekk kienx hemm gustifikazzjoni mill-iStat ghal din l-interferenza fil-hajja privata tar-rikorrenti kull meta jinharaq in-nar, u cioe` jekk din l-interferenza kienitx mehtiega f'socjetà demokratika, kienitx ghall-gid ekonomiku tal-pajjiz, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor u dan fid-dawl tal-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu.

Ma hemmx dubbju li din l-interferenza kienet skond il-ligi u cioe` l-Kap. 33 u l-Avviz Legali 243/1998, u l-Kummissarju tal-Pulizija qed ighid li johrog il-licenzji skond dawn ir-regolamenti. Il-kwistjoni jekk il-Kummissarju fil-fatt harigx il-licenzji skond dawn ir-regolamenti hija kwistjoni li ghandha tigi mistharrga taht il-ligi ordinarja, kif iddecidiet l-ewwel Qorti. F'dan l-istadju l-Qorti trid tara biss jekk l-interferenza kienitx a bazi tal-ligi cioe` kellhiex substrat ta' ligi. Fil-fatt jirrizulta li dan huwa hekk billi hemm il-ligi li tawtorizza l-hrug ta' dawn il-licenzji.

Il-Qorti trid tara jekk ukoll kienx hemm skop legittimu ghal din l-intereferenza u kienitx din l-intereferenza gustifikata u necessarja f'socjeta` demokratika. Kif qalet il-Qorti ta' Strasbourg: "Overall what is necessary in a democratic society for the purposes of Article 8 is determined by reference to the balance achieved between the rights of the individual and the public interest, through the application of the principle of proportionality". Dan il-principju ta' proporzjonalita` jirrikonoxxi li "human rights are not absolute and that the exercise of an individual's rights must always be checked by the broader public interest. This is achieved by balancing the rights of the individual and the interests of the State. To consider whether, in the light of the case as a whole, the authorities have "relevant and sufficient reasons" for taking the contentious measures, the Court has to examine whether the interference is proportionate to the aim which it pursues. This depends on (i) the interest to be protected from intereference, (ii) the nature of the interference and (iii) pressing social need" (**Olsson v. Sweden 24.3.1988**).

Fl-ezami li jsir f'dan ir-rigward, l-iStat ghandu margni ta' diskrezzjoni u din tvarja skond ic-cirkostanzi u s-suggett involut, is-sensittivita` tieghu, l-uzanzi, u dak li jsir fi stati ohra (ara **Dudgeon v. U.K. 22.10.1981**). Fil-kaz fejn si tratta ta' legislazzjoni li timplimenta *social u economic policies*, u partikolarment fi kwistjonijiet dwar l-ambjent, din id-diskrezzjoni ghandha tkun wahda wiesgha u dan billi l-awtoritajiet nazzjonali huma f'qaghda ahjar li jikkunsidraw il-bzonnijiet u l-kundizzjonijiet lokali (ara l-kaz ta' **Hatton**). S'intendi, meta wiehed jittrasponi dan il-

principju ghal-livell domestiku, ifisser li hija finalment din il-Qorti li trid tara jekk hemmx din il-proporzjonalita`, u jekk dak li qed jaghmel jew jonqos milli jaghmel l-Ezekuttiv, joltrepassax il-limitu ta’ dak li hu accettabbli fil-kuntest ta’ dan il-principju tal-proporzjonalita`.

L-ewwel Qorti sabet li d-dannu, il-periklu, u r-riskju li qed jigu esposti ghalihom ir-rikorrenti u l-familja taghhom f’darhom, kemm ghal sahhithom u kemm ghall-proprjeta` taghhom, huwa kbir wisq meta kkomparat ma’ l-ezercizzju tal-istess attivita`.

Ir-rikorrenti appellati jsostnu li l-bilanc li jrid jintlahaq hu, bejn dak li hu fin-natura tieghu passatemp ma’ dak li huwa dritt fundamentali li wiehed ighix hajtu fil-privat u fil-kwiet. Dan il-passatemp ma jistax, skond ir-rikorrenti, jigi segwit a skapitu tal-inkolumita` u l-kwiet u s-sahha ta’ xi individwu.

L-intimati appellanti, invece, isostnu li l-legislatur irid jilhaq bilanc gust bejn ir-rwol tan-nar tal-festi fil-hajja kulturali tal-pajjiz u drittijiet reklamati mir-rikorrenti, u dan il-bilanc instab fil-mod kif gew regolati d-distanzi, u t-tip tan-nar li jista’ jinharaq, fir-regolamenti kontestati.

F’dan ir-rigward din il-Qorti ser taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet.

Il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti mhux wiehed fejn ghandek fabbrika jew kamra tan-nar fil-vicinanzi tal-abitat, imma ghelieqi minn fejn jinghata n-nar wara li dan jingarr ghal fuq il-post apposta xi hin qabel il-hruq tan-nar.

Il-ligi in kwistjoni tipprova tilhaq bilanc bejn diversi interessi billi tipprovvdi mizuri biex dan il-bilanc jintlahaq. Hemm regolamentazzjoni dwar hinijiet li fihom jista’ jittella’ n-nar u l-kwalita` u t-tip ta’ nar li jista’ jinharaq f’dawk il-hinijiet.  Hemm ukoll regolamentazzjoni dwar il-postijiet differenti minn fejn jista’ jinharaq dak in-nar u diversi distanzi li jridu jinzammu fir-rigward ta’ dawn it-tipi ta’ nar. Fil-kaz in ezami, skond is-Supretendent Neville Aquilina, hu kien jiccekkja personalment mas-surgent li kien

jakkumpanjah li l-hruq tan-nar ikun ser isir skond il-permess li jkun inhareg (ara fol. 317).

Il-ligi tipprovdi wkoll mizuri ohra ta’ sigurta` bhal ma hija l-hrug ta’ polza ta’ assikurazzjoni, il-presenza ta’ *fire engine* u ta’ pulizija fuq il-post.  Fil-kaz in ezami jirrizulta wkoll li persuna mill-ghaqda intimata kien ikun prezenti fejn id-dar tar-rikorrenti ghal li jista’ jinqala’ meta jinghata n-nar (ara fol. 318 xiehda tas-Supt. N. Aquilina).  Jirrizulta wkoll li l-ghaqda intimata dejjem offriet l-ghajnuna u protezzjoni lir-rikorrenti biex ir-residenza tieghu ma ssirilhiex hsara.

Ghalhekk ma jistax jinghad li mhux qed tinghata protezzjoni lill-persuni li mhux qeghdin fl-abitat skond id-definizzjoni tal-ligi.  Ir-regolamenti gew kontestati mir-rikorrenti fuq din il-bazi ghax, skond huma, qed tinghata protezzjoni lil dawk l-individwi li jinsabu fi grupp ta’ mitt persuna jew aktar imma mhux lil dawk li huma anqas minn mija.  Dawn ir-regolamenti jridu jigu kkunsidrati fic-cirkostanzi partikolari ta’ Malta li hu pajjiz geografikament zghir u li minhabba c-cokon tieghu ftit li xejn tista’ tghid li se ssib xi rokna fejn ma hemmx numru zghir ta’ nies jabitaw.  Ghalhekk il-legislatur bil-fors kellu jsib mizura li biha seta’ jiddefinixxi x’inhu post abitat fic-cirkostanzi partikolari ta’ din il-gzira.

Konsiderazzjoni ohra li qed taghmel din il-Qorti hija li dan l-inkonvenjent, jew minaccja kif isejhulha r-rikorrenti, tavvera ruhha darbtejn fis-sena, ghal xi granet, u mhux il-hin kollu, imma f’certi waqtiet tal-gurnata.  Inoltre kien hemm okkazzjonijiet ohra meta n-nar f’sena partikolari ma nharaqx.  Min-naha l-ohra, il-Qorti hi konxja wkoll li, anke f’dan il-perjodu limitat, specjalment meta bil-lejl jigu sparati murtali tal-beraq u bombi qawwija tal-gelatina qed ibatu trabi, tfal, anzjani morda u nisa tqal, u senjatament dawk il-persuni li ma jistghux johorgu mid-dar biex jiskansaw l-inkonvenjent minhabba raguni jew ohra.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll li meta r-rikorrenti xtraw ir-residenza taghhom, in-nar tal-festa kien ilu jinharaq minn dawk l-inhawi snin qabel.  Fil-fatt Bernard

Cauchi xehed[3] li ilhom jaharqu n-nar f'dawk l-akkwati 'il fuq minn 70 sena. L-intimati appellanti, ghalhekk, jirragunaw li dan hu *self imposed hardship* ghar-rikorrenti billi huma xtraw il-post bl-inkonvenjent b'kollox meta kienu jafu u kienu gew infurmati minn qabel ma xtraw minn Tania Borg Cardona, li hija kellha incident snin qabel f'dik id-dar minhabba l-hruq tan-nar. Nonostante dan ir-rikorrenti xorta wahda ghazlu li jixtru d-dar. Ir-residenza tar-rikorrenti mhix qeghda f'xi Housing Estate, fl-abitat, bhal ma hemm faccata tal-ghalqa minn fejn jinharaq in-nar, imma qeghda f'post imwarrab f'nofs l-ghelieqi. Wiehed ma jridx jinsa' wkoll li f'Malta ghandek densita` ta' popolazzjoni qawwija u spazju dejjem limitat minn fejn jista' jsir il-hruq tan-nar.

Illuminanti huwa l-kumment li ghamel l-Ombudsman fl-ittra tieghu ezibita a fol. 9 fejn ighid hekk:
"This complaint is one of several already examined by this Office, where persons take up residence in places away from established habitable areas. Since a long time, fireworks have been let off from such areas but new residents feel that now that they have settled there, in their interest, traditional customs which may be of a nuisance to them, should no longer be allowed. This obviously puts the Commissioner of Police in an embarrassing situation and he is left with no option but to adhere strictly to the provisions of the law and pertinent legislation."

Kollox ma' kollox din il-Qorti hi tal-fehma li l-legislatur ipprova jilhaq u effettivament lahaq, bilanc gust bejn id-dritt ghall-protezzjoni ghall-hajja familjari u d-dar tar-rikorrenti u htigijiet kulturali, tradizzjonali, religjuzi u turistici tas-socjeta` Maltija in generali, u dan tenut kont tac-cokon geogfrafiku ta' pajjizna[4]. Il-bilanc li ntlahaq huwa wiehed fin hafna, izda jekk l-intimati ma josservawx skrupolozament dawn ir-regolamenti u l-mizuri mehuda, partikolarment dawk li ghandhom x'jaqsmu mad-daqs

[3] A fol. 463
[4] "A useful test is perhaps what is reasonable according to the ordinary usages of mankind living in society, or more correctly in a particular society": **Sedleigh-Denfield v. O'Callagan** (1940) A.C. 880,903.

fiziku tal-murtali u l-bombi, il-livell ta’ hsejjes u l-moderazzjoni fil-loghob tan-nar, kif ukoll id-distanzi minn fejn ghandu jittella’ n-nar, jista’ jigri li ’l quddiem dawn il-mizuri ma jibqghux accettabli u idoneji, u l-bilanc milhuq jintilef. Inoltre, dan ma jipprekludix id-dritt tar-rikorrenti li jikkontestaw id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tal-hrug ta’ licenzji futuri b’azzjoni taht il-ligi ordinarja.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ghalkemm kien hemm interferenza mill-iStat fil-hajja privata tar-rikorrenti, dan ma jammontax ghal ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. S’intendi, id-dritt tar-rikorrenti ghad-danni u drittijiet ohra taghhom jibqghu mhux mitiefsa.

L-aggravju tal-appellanti f’dan ir-rigward, ghalhekk, jisthoqqlu jigi milqugh.

**Diskriminazzjoni**

Proprjament la darba din il-Qorti sabet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 8, u la darba l-Artikolu 14 gie marbut mal-ksur tal-artikolu sostantiv, il-Qorti tista’ tieqaf hawn. Izda stante li jirrizulta li kien hemm interferenza, il-Qorti se tikkummenta dwar din il-lanjanza wkoll.

Fl-aggravju taghhom l-appellanti jirritjenu li l-Qorti ma kellhiex issib li kien hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat ma’ l-Artikolu 8 billi ma giex pruvat li r-rikorrenti nghataw trattament differenti minn ohrajn fl-istess posizzjoni bhalhom u l-Kummissarju dejjem ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega u dan fil-konfront ta’ kulhadd, inkluz tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jsostnu li meta d-definizzjoni tal-ligi ta’ abitat stabbiliet in-numru ta’ ’l fuq minn mitt persuna eskludiet il-protezzjoni ghal kommunitajiet ta’ mitt persuna jew anqas. Ir-rikorrenti jirragunaw li jekk distanzi ravvicinati aktar minn dawk stabbiliti mil-ligi huma ta’ periklu ghal mitt persuna u wiehed, daqstant huma ta’ periklu ghal mitt persuna jew anqas, u ghalhekk hemm diskriminazzjoni

kontra dawn il-persuni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar diskriminazzjoni.

L-ewwel Qorti qablet mar-rikorrenti u ddecidiet li, kif inhi l-ligi, hemm trattament differenti ghal persuni li jghixu f'post abitat fejn jirresjedu jew jistghu jirresjedu mitt persuna jew aktar, u *areas* jew siti fejn hemm numru ta' residenzi b'anqas minn mija, u li din il-prova ta' trattament differenti fil-kaz odjern tohrog mil-ligi stess.

Skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor.

Kif inhu risaput, dan l-artikolu m'ghandux ezistenza indipendenti.  In-nuqqas ta' diskriminazzjoni trid tigi assigurata, u d-diskriminazzjoni trid tigi rimedjata skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 319, jekk din tkun fir-rigward tat-tgawdija, jew nuqqas ta' tgawdija, ta' xi wiehed jew aktar mid-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni.

"Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni timporta zewg elementi u cioe` li l-lanjant ma giex trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari condizione) gie jew kien gie trattat b'certu mod jew li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex.  Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari."  (**Avukat Dottor Louis Galea nomine v. il-Kummissarju tal-Pulizija et.** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990).  Il-paragun kellu allura jsir 'like with like'.  Jispetta lir-rikorrenti li jipprovaw li s-sitwazzjoni taghhom kienet analoga ghal dik tal-persuni l-ohra li fil-paragun maghhom kienu qed jippretendu li gew zvantaggjati u diskriminati.  Hu biss fejn is-sitwazzjonijiet jigu ppruvati li huma analogi, jew "relevantly similar", li l-Istat ghandu jiggustifika l-azzjoni, allegatament diskriminatorja, tieghu.

Issa, l-ewwelnett l-intimati qed joggezzjonaw ghal dan l-allegat ksur billi jsostnu li r-rikorrenti ma gabu ebda raguni li turi xi hjiel ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' 'status' kif hemm previst fl-Artikolu 14.

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz, it-tqabbil irid isir ma' persuni f'sitwazzjoni simili ghal tar-rikorrenti cioe` fejn joqghodu nies f'post fejn m'hemmx u ma jistghux joqghodu aktar minn mitt persuna u fejn id-distanza bejn ir-residenza u s-sit tal-hruq tan-nar hi anqas minn mitejn metru.  Ma giex pruvat mir-rikorrenti li min joqghod f'post bhal dan gie trattat b'xi mod differenti minnhom, jew li ma jsofrix l-istess tip ta' inkonvenjent bhalma qed isofru r-rikorrenti ghax mhux kull trattament differenti jammonta ghal diskriminazzjoni.  Inoltre minn dak li nghad *supra* jirrizulta li l-protezzjoni mhux qed tigi mcahhda lir-rikorrenti mill-intimati minhabba l-posizzjoni taghhom meta jkun hemm periklu car u dirett.  Wiehed ma jridx jinsa wkoll li wara kollox dan it-tip ta' abitat kien hemm qabel ma r-rikorrenti ghazlu li jirrisjedu f'dak il-lokal.  Il-post fejn joqghodu r-rikorrent qabel kien razzett ordinarju minghajr l-attrezzi u kumditajiet moderni kollha, bhal *swimming pool*, u dawn gew mizjuda biss recentement.  Ghalhekk dak li ma kienx inkonvenjent qabel, ma jsirx illum inkonvenjent jew minaccja, ghax ir-rikorrenti ghazlu u/jew inghataw il-permess li jmorru jirrisjedu hemm u jkomplu jizviluppaw il-binja precedenti.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li lanqas ma kien hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni; konsegwentement tilqa' l-aggravju tal-appellanti f'dan ir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata tas-26 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti appellati, thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn laqghet it-talbiet taghhom, u fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati appellanti, u minflok tilqa' l-appelli tal-intimati u b'hekk tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif migjuba fir-

rikors promotorju tat-13 ta’ April 2005. L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ewwel istanza, fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------